Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0102

L-iskrinjar ta’ investimenti barranin fl-Unjoni

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-8 ta' Mejju 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskrinjar ta’ investimenti barranin fl-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2024)0023 – C9-0011/2024 – 2024/0017(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-investimenti ***fl-Unjoni*** jikkontribwixxu għat-tkabbir tagħha billi jtejbu l-kompetittività tagħha, joħolqu l-impjiegi u l-ekonomiji ta’ skala, u jġibu kapital, teknoloġiji, innovazzjoni u għarfien espert.	(1) ***L-Unjoni tilqa’*** l-investimenti ***barranin peress li*** jikkontribwixxu għat-tkabbir tagħha billi jtejbu l-kompetittività tagħha, joħolqu l-impjiegi u l-ekonomiji ta’ skala, u jġibu kapital, teknoloġiji, innovazzjoni u għarfien espert.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0061/2025).

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Madankollu, ***taħt*** l-impenji internazzjonali meħuda fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), u l-ftehimiet ta' kummerċ u investiment konklużi ma' pajjiżi terzi, ***huwa possibbli għall-Unjoni*** u ***l-Istati*** Membri li jirrestringu l-investimenti diretti barranin***.*** (IDB) għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, soġġetti għal ċerti rekwiżiti.	(3) Madankollu, ***l-Artikolu 21(2) tat-TUE jiddikjara li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom l-għan li jissalvagwardjaw il-valuri, l-interessi fundamentali, is-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità tagħha. Dawk il-prinċipji u l-objettivi jsejsu l-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 207 tat-TFUE, inkluż fir-rigward tal-investiment barrani. F'dak il-kuntest,*** l-impenji internazzjonali meħuda fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), u l-ftehimiet ta' kummerċ u investiment konklużi ma' pajjiżi terzi, ***jippermettu lill-Unjoni*** u ***lill-Istati*** Membri li jirrestringu l-investimenti diretti barranin (IDB) għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, soġġetti għal ċerti rekwiżiti.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], ġie stabbilit qafas għall-iskrinjar tal-IDB fl-Unjoni mill-Istati Membri. B'mod partikolari, dak ir-Regolament stabbilixxa mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-	(4) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], ġie stabbilit qafas għall-iskrinjar tal-IDB fl-Unjoni mill-Istati Membri. B'mod partikolari, dak ir-Regolament stabbilixxa mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-

Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni dwar l-IDB u jqajmu tħassib dwar ir-riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku. Dak il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kien jirrikjedi li l-Istat Membru fejn l-IDB kien ippjanat jew ikkompletat iqis kif xieraq il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-iskrinjar tagħha.	Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni dwar l-IDB u jqajmu tħassib dwar ir-riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku. Dak il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kien jirrikjedi li l-Istat Membru fejn l-IDB kien ippjanat jew ikkompletat ***(l-Istat Membru ospitanti)*** iqis kif xieraq il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-iskrinjar tagħha.
_____	_____
[4] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj).	[4] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj).

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Barra minn hekk, strument leġiżlattiv ġdid huwa meħtieġ minħabba n-natura li qed tevolvi tal-flussi tal-investiment. L-integrazzjoni tal-ekonomiji globali, flimkien mal-gwerra u t-tensjonijiet ġeopolitiċi, wasslet għall-ħolqien ta' riskji ġodda li jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-Unjoni u mill-Istati Membri. Fl-20 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija

	Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika", li tidentifika l-iskrinjar tal-IDB bħala għodda għall-protezzjoni tal-Unjoni mir-riskji għas-sigurtà ekonomika. L-istrateġija tissottolinja l-ħtieġa li jiġu indirizzati r-riskji assoċjati mar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, mas-sigurtà fiżika u ċibernetika tal-infrastrutturi kritiċi, mas-sigurtà tat-teknoloġija u l-ħrib tat-teknoloġija, u mal-istrumentalizzazzjoni tad-dipendenzi ekonomiċi jew tal-koerċizzjoni ekonomika. Dawk ir-riskji għas-sigurtà ekonomika huma rilevanti wkoll fil-kuntest tal-iskrinjar tal-investimenti barranin, peress li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-interessi fundamentali tas-soċjetà bħall-prosperità, is-sovranità, is-sikurezza u l-operat tal-ekonomija tas-suq soċjali, u b'hekk fuq l-ordni pubbliku tal-Istati Membri u tal-Unjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(7a) L-akkwiżizzjonijiet permezz ta' għodod ta' riżoluzzjoni fl-ambitu tal-oqfsa ta' riżoluzzjoni rispettivi (għall-banek, il-kontropartijiet ċentrali jew l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni) jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. F'każijiet ta'**

	riżoluzzjoni, il-ħin huwa essenzjali u spiss id-deċiżjonijiet jittieħdu litteralment mil-lejl għan-nhar. Il-proċeduri ta' skrinjar fil-fond previsti f'dan ir-Regolament mhumiex konformi mal-ħtieġa ta' rispons fil-ħin. Sabiex jiġu evitati riskji għall-istabbiltà finanzjarja, it-tranżazzjonijiet ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li, għaldaqstant, jiġu esklużi. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jqisu, sa fejn ikun possibbli, dan ir-Regolament meta jwettqu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni bl-involviment ta' investitur barrani, b'mod partikolari meta jkunu involuti assi strateġiċi.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Maġġoranza sinifikanti tal-Istati Membri, iżda mhux kollha, għandhom strument leġiżlattiv fis-seħħ li jipprevedi mekkaniżmu għall-iskrinjar tal-IDB. F'ħafna Stati Membri, il-liġijiet nazzjonali jestendu wkoll għall-iskrinjar tal-investimenti intra-Unjoni. Fost l-Istati Membri, hemm differenzi sostanzjali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-limiti u l-kriterji użati biex jiġi vvalutat jekk investiment huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Hemm ukoll differenzi fil-proċessi ta' skrinjar. F'ċerti Stati Membri, l-investiment jista' jiġi implimentat qabel ma jkun	(8) Maġġoranza sinifikanti tal-Istati Membri, iżda mhux kollha, għandhom strument leġiżlattiv fis-seħħ li jipprevedi mekkaniżmu għall-iskrinjar tal-IDB. F'ħafna Stati Membri, il-liġijiet nazzjonali jestendu wkoll għall-iskrinjar tal-investimenti intra-Unjoni. Fost l-Istati Membri, hemm differenzi sostanzjali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-limiti u l-kriterji użati biex jiġi vvalutat jekk investiment huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Hemm ukoll differenzi fil-proċessi ta' skrinjar. F'ċerti Stati Membri, l-investiment jista' jiġi implimentat qabel ma jkun

irċieva approvazzjoni fir-rigward tal-impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku. Madankollu, oħrajn jeħtieġu li l-investiment jiġi ffinalizzat biss wara awtorizzazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' skrinjar. Diverġenzi bħal dawn joħolqu problema għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Pereżempju, joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u jżidu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri li ***jfittxu*** li jinnotifikaw tranżazzjonijiet ***f'aktar minn Stat Membru wieħed***. Dan ir-Regolament jgħin ***fit-tnaqqis tad-diverġenzi dwar l-elementi*** ewlenin tal-mekkaniżmi implimentati fil-livell nazzjonali. Dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-investituri dwar ir-reġimi nazzjonali applikabbli u l-karatteristiċi tagħhom, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità assoċjati. Dan huwa aktar u aktar rilevanti meta jitqies il-livell ta' integrazzjoni ***tas-suq*** intern, li jista' jirriżulta f'tranżazzjoni waħda li jkollha impatt fuq diversi Stati Membri madwar l-Unjoni. Pereżempju huwa possibbli li tranżazzjoni ***mmirata lejn l-akkwist ta'*** kumpanija fil-mira fi Stat Membru wieħed taffettwa wkoll is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi ***Stat Membru ieħor***, minħabba l-istruttura tal-katina tal-provvista jew elementi ekonomiċi oħra li jgħaqqdu l-mira ma' kumpaniji oħra bbażati fi Stati Membri differenti. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi tas-suq intern u jiġu żgurati konsistenza u prevedibbiltà akbar, huwa xieraq li l-kriterji u l-elementi li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin jiġu stabbiliti permezz

irċieva approvazzjoni fir-rigward tal-impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku. Madankollu, oħrajn jeħtieġu li l-investiment jiġi ffinalizzat biss wara awtorizzazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' skrinjar. Diverġenzi bħal dawn joħolqu problema għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Pereżempju, ***dawk l-inkonsistenzi*** joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u jżidu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri li ***jeħtieġ*** li jinnotifikaw tranżazzjonijiet ***f'diversi Stati Membri***. Dan ir-Regolament jgħin ***fl-armonizzazzjoni tal-elementi*** ewlenin tal-mekkaniżmi implimentati fil-livell nazzjonali. Dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-investituri dwar ir-reġimi nazzjonali applikabbli u l-karatteristiċi tagħhom, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità assoċjati. Dan huwa aktar u aktar rilevanti meta jitqies il-livell ***għoli*** ta' integrazzjoni ***fis-suq*** intern, li jista' jirriżulta f'tranżazzjoni waħda li jkollha impatt fuq diversi Stati Membri madwar l-Unjoni. Pereżempju huwa possibbli li tranżazzjoni ***bl-għan li tiġi akkwistata*** kumpanija fil-mira fi Stat Membru wieħed taffettwa wkoll is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi ***Stati Membri oħra***, minħabba l-istruttura tal-katina tal-provvista jew elementi ekonomiċi oħra li jgħaqqdu l-mira ma' kumpaniji oħra bbażati fi Stati Membri differenti. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi tas-suq intern u jiġu żgurati konsistenza u prevedibbiltà akbar, huwa xieraq li l-kriterji u l-elementi li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin jiġu stabbiliti permezz

ta’ azzjoni tal-Unjoni.

ta’ azzjoni tal-Unjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investiment barrani madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu meħtieġa jiskrinjaw l-investimenti barranin għal raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku. Għalhekk, l-elementi ewlenin tal-mekkaniżmi nazzjonali ta’ skrinjar jenħtieġ li jiġu armonizzati. Dik l-armonizzazzjoni ***minima*** tinkludi ***l-kamp*** ta’ applikazzjoni tal-investimenti li għandhom jiġu skrinjati, il-karatteristiċi essenzjali tal-proċedura ta’ skrinjar, u l-interazzjoni bejn il-mekkaniżmu nazzjonali u l-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-kamp ta’ applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ skrinjar nazzjonali tagħhom biex jinkludi tipi oħra ta’ investimenti barranin, investimenti barranin f’setturi oħra, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi addizzjonali li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.	(9) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investiment barrani madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu meħtieġa jiskrinjaw l-investimenti barranin għal raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku. Għalhekk, l-elementi ewlenin tal-mekkaniżmi nazzjonali ta’ skrinjar jenħtieġ li jiġu armonizzati. Dik l-armonizzazzjoni ***jenħtieġ li*** tinkludi ***wkoll il-kamp*** ta’ applikazzjoni tal-investimenti li għandhom jiġu skrinjati, il-karatteristiċi essenzjali tal-proċedura ta’ skrinjar, u l-interazzjoni bejn il-mekkaniżmu nazzjonali u l-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni tal-Unjoni***, inklużi skedi ta’ żmien konsistenti għall-proċeduri ta’ skrinjar***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-kamp ta’ applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ skrinjar nazzjonali tagħhom biex jinkludi tipi oħra ta’ investimenti barranin, investimenti barranin f’setturi oħra, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi addizzjonali li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. ***Huwa essenzjali li jiġi stabbilit approċċ armonizzat u***

	razzjonalizzat fl-Istati Membri kollha, li jiżgura li l-investimenti barranin li jista' jkollhom implikazzjonijiet għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku jkunu soġġetti għal skrutinju konsistenti u teħid tad-deċiżjonijiet effiċjenti. Għal dak il-għan, il-mekkaniżmi ta' skrinjar jenħtieġ li jimminimizzaw il-kumplessità amministrattiva, jevitaw dewmien bla bżonn u jqisu r-riżorsi limitati tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) meta jiġu applikati għalihom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżvolġi rwol ta' koordinazzjoni biex tiżgura sigurtà akbar għall-Unjoni filwaqt li timminimizza l-ineffiċjenzi u l-approċċi frammentati.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-iskrinjar tal-investimenti barranin jenħtieġ li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies l-informazzjoni fattwali kollha disponibbli u b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u prinċipji oħra minquxa fit-Trattati. Barra minn hekk, l-iskrinjar tal-investimenti barranin li jitwettqu permezz ta' sussidjarji tal-investitur barrani stabbilit fl-Unjoni jenħtieġ li fil-każijiet kollha jikkonforma mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar	(12) L-iskrinjar tal-investimenti barranin jenħtieġ li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies l-informazzjoni fattwali kollha disponibbli u b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u prinċipji oħra minquxa fit-Trattati. Barra minn hekk, l-iskrinjar tal-investimenti barranin li jitwettqu permezz ta' sussidjarji tal-investitur barrani stabbilit fl-Unjoni jenħtieġ li fil-każijiet kollha jikkonforma mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar

il-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, kif interpretati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod konsistenti mal-objettiv li jiġi ppreservat suq intern miftuħ u inklużiv. Kwalunkwe restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni, inklużi l-iskrinjar u l-miżuri li jirriżultaw mill-iskrinjar, bħal miżuri ta' mitigazzjoni u projbizzjonijiet, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq theddida ġenwina u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà, u jenħtieġ li jkunu xierqa u meħtieġa kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-istess ħin, ***meta jiġu vvalutati l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità ta' restrizzjoni,*** l-ispeċifiċitajiet tal-investimenti fl-Unjoni operati permezz ta' sussidjarja ta' investitur barrani ***jistgħu*** jitqiesu meta ***tiġi vvalutata*** kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment jew fuq il-moviment liberu tal-kapital, inkluż fejn xieraq fi kwalunkwe opinjoni tal-Kummissjoni adottata skont dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jsir b'kont meħud tal-integrazzjoni tal-iskemi tal-Istati Membri f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-Unjoni kollha.

il-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, kif interpretati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod konsistenti mal-objettiv li jiġi ppreservat suq intern ***li jiffunzjona,*** miftuħ***, reżiljenti*** u inklużiv. Kwalunkwe restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni, inklużi l-iskrinjar u l-miżuri li jirriżultaw mill-iskrinjar, bħal miżuri ta' mitigazzjoni u projbizzjonijiet, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq theddida ġenwina u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà, u jenħtieġ li jkunu xierqa u meħtieġa kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-istess ħin, l-ispeċifiċitajiet tal-investimenti fl-Unjoni operati permezz ta' sussidjarja ta' investitur barrani ***jenħtieġ li*** jitqiesu meta ***jiġu vvalutati l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità ta'*** kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment jew fuq il-moviment liberu tal-kapital, inkluż fejn xieraq fi kwalunkwe opinjoni ***jew deċiżjoni*** tal-Kummissjoni adottata skont dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jsir b'kont meħud tal-integrazzjoni tal-iskemi tal-Istati Membri f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-Unjoni kollha.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Huwa meħtieġ ukoll li l-Istat Membru ***fejn l-investiment***	(14) Huwa meħtieġ ukoll li l-Istat Membru ***ospitanti jsir*** aktar

barrani jkun ippjanat jew ikkompletat isir aktar responsabbli lejn il-Kummissjoni u lejn dawk l-Istati Membri li jesprimu tħassib debitament ġustifikat dwar l-ordni pubbliku jew is-sigurtà ***pubblika*** tagħhom jew tal-Unjoni.	responsabbli lejn il-Kummissjoni u lejn dawk l-Istati Membri li jesprimu tħassib debitament ġustifikat dwar l-ordni pubbliku jew is-sigurtà tagħhom jew tal-Unjoni.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-qafas komuni stabbilit f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà esklużiva ***tal-Istati Membri*** li ***jissalvagwardjaw is-sigurtà*** nazzjonali ***tagħhom*** kif previst fl-Artikolu 4(2) TUE. Jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà ***tagħhom*** f'konformità mal-Artikolu 346 TFUE.	(15) Il-qafas komuni stabbilit f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà esklużiva ***ta' kull Stat Membru*** li ***jissalvagwardja s-sigurtà*** nazzjonali ***tiegħu*** kif previst fl-Artikolu 4(2) TUE. Jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà ***tal-Istati Membri*** f'konformità mal-Artikolu 346 TFUE.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Investimenti barranin ***f'żoni ġodda jseħħu*** meta l-investitur barrani jew ***is-sussidjarju*** ta' investitur barrani fl-Unjoni ***jistabbilixxi*** faċilitajiet ġodda jew impriża ġdida fl-Unjoni. ***Jenħtieġ li l-investimenti barranin f'żoni ġodda jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt li jitqiesu***	(17) Investimenti barranin ***greenfield iseħħu*** meta l-investitur barrani jew ***sussidjarja*** ta' investitur barrani fl-Unjoni ***jistabbilixxu*** faċilitajiet ġodda jew impriża ġdida fl-Unjoni ***għat-twettiq ta' attività ekonomika ġdida***. Bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż

rilevanti minn Stat Membru għall-fini tal-iskrinjar tal-investimenti barranin minħabba li joħolqu rabtiet dejjiema u diretti bejn investitur barrani u tali faċilitajiet jew tali impriżi. Barra minn hekk, bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. Għalhekk, l-Istati Membri ***huma mħeġġa*** jinkludu investimenti barranin ***ġodda*** fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom***, b'mod partikolari meta tali investimenti jseħħu f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom jew meta jippreżentaw karatteristiċi bħad-daqs jew in-natura essenzjali li għandhom ikunu rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom***.

meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. Għalhekk, l-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jinkludu investimenti barranin ***greenfield*** fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġu żgurati proċessi ta' skrinjar konsistenti u prevedibbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-karatteristiċi essenzjali tal-mekkaniżmi ta' skrinjar li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri. Dawk il-karatteristiċi jenħtieġ li tal-anqas jinkludu l-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet li jkunu soġġetti għal rekwiżit ta'	(18) Sabiex jiġu żgurati proċessi ta' skrinjar konsistenti u prevedibbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-karatteristiċi essenzjali tal-mekkaniżmi ta' skrinjar li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri. Dawk il-karatteristiċi jenħtieġ li tal-anqas jinkludu l-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet li jkunu soġġetti għal rekwiżit ta'

awtorizzazzjoni, skadenzi għall-iskrinjar ***u l-possibbiltà*** għall-impriżi kkonċernati mid-deċiżjoni tal-iskrinjar li jfittxu rikors kontra tali deċiżjonijiet. Ir-regoli u l-proċeduri relatati ma' mekkaniżmi ta' skrinjar jenħtieġ li jkunu trasparenti u ma jiddiskriminawx bejn pajjiżi terzi.	awtorizzazzjoni, skadenzi għall-iskrinjar***, il-possibbiltà*** għall-impriżi kkonċernati mid-deċiżjoni tal-iskrinjar li jfittxu rikors kontra tali deċiżjonijiet ***u l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-iskrinjar li jindirizzaw b'mod effettiv każijiet ta' nonkonformità jew ċirkomvenzjoni***. Ir-regoli u l-proċeduri relatati ma' mekkaniżmi ta' skrinjar jenħtieġ li jkunu trasparenti u ma jiddiskriminawx bejn pajjiżi terzi. ***Il-proċedura għall-preżentazzjoni ta' talba għal awtorizzazzjoni jenħtieġ li tiżgura li r-rekwiżiti tal-konformità jkunu minimi.***

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/452 jippermetti lill-Istati Membri jikkooperaw u jgħinu lil xulxin meta investiment dirett barrani fi Stat Membru wieħed jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stati Membri oħra jew ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni. S'issa dan il-mekkaniżmu wera li huwa utli ħafna, u għalhekk jenħtieġ li jinżamm ***u*** jissaħħaħ skont dan ir-Regolament.	(19) Il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/452 jippermetti lill-Istati Membri jikkooperaw u jgħinu lil xulxin meta investiment dirett barrani fi Stat Membru wieħed jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stati Membri oħra jew ***tal-Unjoni, jew*** ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni. S'issa dan il-mekkaniżmu wera li huwa utli ħafna, u għalhekk jenħtieġ li jinżamm***,*** jissaħħaħ ***u jitwessa'*** skont dan ir-Regolament ***biex jiġi żgurat approċċ aktar unifikat għall-investimenti barranin madwar l-Unjoni***.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti barranin li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin meta l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun parti minn jew tipparteċipa fi proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni jew meta l-attività ekonomika fil-mira tal-Unjoni tkun relatata ma' teknoloġija, assi, faċilità, tagħmir, network, sistema jew servizz ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minbarra dawn il-kriterji, il-mekkaniżmi ta' skrinjar jistgħu japplikaw għal setturi, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi oħra li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tiegħu.	(20) Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti barranin li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin meta l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun parti minn jew tipparteċipa fi proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni jew meta l-attività ekonomika fil-mira tal-Unjoni tkun relatata ma' teknoloġija, ***materjali,*** assi, faċilità, tagħmir, network, sistema jew servizz ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiskrinjaw ukoll l-investimenti barranin greenfield f'tali programmi jew setturi sensittivi meta jinħoloq riskju speċifiku mill-karatteristiċi tal-investitur u d-daqs tat-tranżazzjoni.*** Minbarra dawn il-kriterji, il-mekkaniżmi ta' skrinjar jistgħu japplikaw għal setturi, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi oħra li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tiegħu.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni jiffoka biss fuq dawk l-investimenti barranin fejn il-karatteristiċi tal-investitur barrani jew l-entità fil-mira tal-Unjoni jagħmlu effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku probabbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għan-notifika tal-investimenti barranin li jkunu għaddejjin minn skrinjar fi Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Meta investiment barrani ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun qed jiġi skrinjat jista’ jinnotifika l-investiment barrani lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, inkluż meta l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li jkollu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti.	(21) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni jiffoka biss fuq dawk l-investimenti barranin fejn il-karatteristiċi tal-investitur barrani jew l-entità fil-mira tal-Unjoni jagħmlu effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku probabbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għan-notifika tal-investimenti barranin li jkunu għaddejjin minn skrinjar fi Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. ***B’mod partikolari, l-Istat Membru jenħtieġ li jivvaluta jekk l-investitur barrani huwiex ikkontrollat jew influwenzat minn gvern ta’ pajjiż terz. Il-kontroll jew l-influwenza jistgħu jiġu ddeterminati abbażi ta’ kriterji bħal-limiti tas-sjieda diretta jew indiretta, in-natura u l-portata tal-finanzjament pubbliku ta’ pajjiżi terzi u arranġamenti speċifiċi ta’ governanza bħall-azzjonijiet tad-deheb. Każijiet ta’ struttura ta’ sjieda opaka jew mhux ċara, jew meta l-benefiċjarju aħħari ma jkunx magħruf, jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll bħala tali kundizzjoni.*** Meta investiment barrani ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun qed jiġi skrinjat jista’ jinnotifika l-investiment barrani lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, inkluż meta l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li jkollu diversi

	kumpaniji fi Stati Membri differenti.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investimenti barranin fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi identifikat b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu kummenti lil Stat Membru li fih ikun ippjanat jew tlesta investiment barrani anki jekk dak l-Istat Membru ma jkunx qed jiskrinja dak l-investiment barrani jew jekk l-investiment barrani jiġi skrinjat iżda mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. It-talbiet għal informazzjoni, tweġibiet u kummenti mill-Istati Membri jenħtieġ li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fl-istess ħin.	(22) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investimenti barranin fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi identifikat b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu kummenti lil Stat Membru li fih ikun ippjanat jew tlesta investiment barrani anki jekk dak l-Istat Membru ma jkunx qed jiskrinja dak l-investiment barrani jew jekk l-investiment barrani jiġi skrinjat iżda mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. It-talbiet għal informazzjoni, tweġibiet u kummenti mill-Istati Membri jenħtieġ li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fl-istess ħin ***biex tiġi żgurata trasparenza tul il-proċess kollu***.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed jew tal-Unjoni kollha kemm hi jiġi identifikat b'mod adegwat, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li toħroġ	(23) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed jew tal-Unjoni kollha kemm hi jiġi identifikat b'mod adegwat, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li toħroġ

opinjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 288 tat-TFUE lill-Istat Membru ***li fih l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta,*** anki jekk dak l-investiment barrani ma jkunx qed jiġi skrinjat f'dak l-Istat Membru jew jekk dak l-investiment barrani jiġi skrinjat iżda mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.	opinjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 288 tat-TFUE lill-Istat Membru ***ospitanti*** anki jekk dak l-investiment barrani ma jkunx qed jiġi skrinjat f'dak l-Istat Membru jew jekk dak l-investiment barrani jiġi skrinjat iżda mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. ***Biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-prevedibbiltà, l-opinjonijiet tal-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq riskji speċifiċi u dokumentati u jenħtieġ li jsegwu kriterji ta' ħruġ stabbiliti, inklużi riskji għas-sigurtà dokumentati jew tħassib transfruntier.***

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Barra minn hekk, biex ***tippermetti*** l-protezzjoni tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku fejn l-effett probabbli jirriżulta minn investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni li tipprevedi l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura, teknoloġiji jew inputs, li huma kritiċi għall-Unjoni kollha kemm hi, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla toħroġ opinjoni. Dan iservi ta' għodda għall-Kummissjoni biex tipproteġi proġetti u programmi li jservu l-Unjoni kollha kemm hi u jirrappreżenta kontribut importanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Opinjoni tal-Kummissjoni li tidentifika l-impatt probabbli fuq proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal	(24) Barra minn hekk, biex ***tiżgura*** l-protezzjoni tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku fejn l-effett probabbli jirriżulta minn investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni li tipprevedi l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura, teknoloġiji jew inputs, li huma kritiċi għall-Unjoni kollha kemm hi, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla toħroġ opinjoni. Dan iservi ta' għodda għall-Kummissjoni biex tipproteġi proġetti u programmi li jservu l-Unjoni kollha kemm hi u jirrappreżenta kontribut importanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Opinjoni tal-Kummissjoni li tidentifika l-impatt probabbli fuq proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal

raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku jenħtieġ li tiġi nnotifikata lill-Istati Membri kollha.

raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku jenħtieġ li tiġi nnotifikata lill-Istati Membri kollha.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tadotta opinjoni indirizzata lill-Istati Membri kollha jekk tidentifika diversi investimenti barranin li, meħuda flimkien, x’aktarx ikollhom impatt fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Dan jista’ jkun il-każ b’mod partikolari fejn diversi investimenti barranin jippreżentaw karatteristiċi komparabbli. Dawn jinkludu fejn l-investimenti barranin isiru mill-istess investitur barrani, jew investituri barranin li jippreżentaw riskji simili, jew fejn diversi investimenti barranin jikkonċernaw l-istess ***mira*** jew ***l-istess*** infrastruttura, inkluża l-infrastruttura trans-Ewropea għat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ***għandhom*** jiddiskutu l-analiżi tar-riskju u l-modi possibbli biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati fl-opinjoni.	(25) Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tadotta opinjoni indirizzata lill-Istati Membri kollha jekk tidentifika diversi investimenti barranin li, meħuda flimkien, x’aktarx ikollhom impatt fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Dan jista’ jkun il-każ b’mod partikolari fejn diversi investimenti barranin jippreżentaw karatteristiċi komparabbli. Dawn jinkludu fejn l-investimenti barranin isiru mill-istess investitur barrani, jew investituri barranin li jippreżentaw riskji simili, jew fejn diversi investimenti barranin jikkonċernaw l-istess ***entità fil-mira*** jew infrastruttura ***tal-Unjoni***, inkluża l-infrastruttura trans-Ewropea għat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jiddiskutu l-analiżi tar-riskju u l-modi possibbli biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati fl-opinjoni***, filwaqt li jiżguraw approċċ ikkoordinat***.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex tiġi protetta s-sigurtà jew l-ordni pubbliku filwaqt li tiġi pprovduta ċertezza akbar lill-investituri, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu kummenti u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li toħroġ opinjoni dwar l-investimenti barranin li jkunu tlestew iżda li ma jkunux ġew innotifikati ***sa*** 15-il xahar ***wara t-tlestija*** tal-investiment barrani.	(26) Sabiex tiġi protetta s-sigurtà jew l-ordni pubbliku filwaqt li tiġi pprovduta ċertezza akbar lill-investituri, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu kummenti u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li toħroġ opinjoni dwar l-investimenti barranin li jkunu tlestew iżda li ma jkunux ġew innotifikati ***fi żmien*** 15-il xahar ***mit-tlestija*** tal-investiment barrani.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Għal aktar ċarezza, il-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess ***tal-Unjoni*** jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, inklużi dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni.	(27) Għal aktar ċarezza, il-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess ***għall-Unjoni*** jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni ***u n-natura intrinsikament transfruntiera u l-karattru ta' network tagħhom***, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, inklużi

dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi indirizzat b'mod adegwat, l-Istati Membri li jirċievu kummenti debitament ġustifikati minn Stati Membri oħra jew opinjoni mill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħtu l-akbar kunsiderazzjoni lil tali kummenti jew opinjoni, inkluż meta jqisu li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom stess ma jkunux affettwati. L-Istat Membru jenħtieġ li jikkoordina mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri kkonċernati jekk ikun meħtieġ u jipprovdilhom feedback bil-miktub dwar ***id-deċiżjoni meħuda u*** kif il-kummenti u l-opinjoni jkunu ngħataw l-akbar kunsiderazzjoni. ***Id-Deċiżjoni finali dwar l-investimenti barranin*** jenħtieġ li ***tibqa' r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta***.	(28) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi indirizzat b'mod adegwat, l-Istati Membri li jirċievu kummenti debitament ġustifikati minn Stati Membri oħra jew opinjoni mill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħtu l-akbar kunsiderazzjoni lil tali kummenti jew opinjoni, inkluż meta jqisu li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom stess ma jkunux affettwati. L-Istat Membru jenħtieġ li jikkoordina mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri kkonċernati jekk ikun meħtieġ u jipprovdilhom ***l-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu, flimkien ma'*** feedback bil-miktub dwar kif il-kummenti u l-opinjoni jkunu ngħataw l-akbar kunsiderazzjoni. ***L-abbozz ta' deċiżjoni*** jenħtieġ li ***jibqa' miftuħ għal emendi biex jitqiesu l-fehmiet espressi mill-Istati Membri kkonċernati u mill-Kummissjoni***.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a)F'ċerti każijiet, jista' jinqala' nuqqas ta' qbil bejn l-

	Istat Membru ospitanti u Stat Membru ieħor, jew il-Kummissjoni, dwar jekk l-investiment huwiex probabbli li jaffettwa s-sigurtà u l-ordni pubbliku ta' Stat Membru jew tal-Unjoni. Jekk ir-riżoluzzjoni ta' tali nuqqas ta' qbil titħalla f'idejn l-Istat Membru ospitanti biss, hemm ir-riskju li dan jaffettwa s-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni kollha kemm hi u jimmina l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Għalhekk, f'tali każijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta deċiżjoni, filwaqt li tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-probabbiltà li l-investiment jaffettwa s-sigurtà u l-ordni pubbliku fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru ospitanti u fuq is-sejbiet tagħha stess, meta tkun wettqet investigazzjoni. Fil-każijiet l-oħra kollha, id-deċiżjoni finali jenħtieġ li tibqa' r-responsabbiltà tal-Istat Membru ospitanti.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 28b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28b) Fi ħdan l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni prevista minn dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali tal-iskrinjar jiffaċċjaw limitazzjonijiet fl-investigazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' investiment

barrani lil hinn mill-fruntieri ġeografiċi tagħhom, li jista' jkollhom impatt fuq l-effettività tal-analiżi tagħhom. Pereżempju, dan jista' jkun il-każ meta l-klijenti tal-kumpanija fil-mira jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor, filwaqt li l-fehmiet tagħhom jistgħu jkunu essenzjali biex tiġi vvalutata s-sensittività tal-entità fil-mira għar-riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, bħad-disponibbiltà ta' fornituri alternattivi għall-prodotti jew għas-servizzi tal-entità fil-mira. Minħabba l-perspettiva transfruntiera tagħha, il-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni tajba biex tindirizza dawk il-limitazzjonijiet u tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-impatt tat-tranżazzjonijiet ta' investiment barrani fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku. Għal dak il-għan, jenħtieġ li tingħata setgħat investigattivi xierqa biex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' titlob informazzjoni minn entitajiet fi Stat Membru ieħor meta tali informazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb b'mod effiċjenti permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Is-setgħa tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq talba ġustifikata minn Stat Membru. Madankollu, meta l-awtoritajiet nazzjonali jiffaċċjaw restrizzjonijiet legali jew proċedurali, bħal skedi ta' żmien proċedurali qosra, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taġixxi b'mod

	indipendenti, dment li l-Istat Membru ospitanti jkun ġie nnotifikat. Dik is-setgħa jenħtieġ li tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġi vvalutat l-impatt ta' tranżazzjoni fuq aktar minn Stat Membru wieħed, inklużi l-effetti negattivi fuq il-programmi u l-proġetti tal-Unjoni.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-Istat Membru li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jipprovdi ***livell*** minimu ta' informazzjoni f'format standardizzat. Fejn il-kooperazzjoni tikkonċerna investiment barrani mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, l-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta*** jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi mill-inqas l-istess ***livell*** minimu ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta. Tali talba għal informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni	(29) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-Istat Membru li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jipprovdi ***sett*** minimu ta' informazzjoni f'format standardizzat. Fejn il-kooperazzjoni tikkonċerna investiment barrani mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, l-Istat Membru ***ospitanti*** jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi mill-inqas l-istess ***sett*** minimu ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta. Tali talba għal informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni toħroġ opinjoni, proporzjonata

toħroġ opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba u mhux ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru notifikanti.	għall-fini tat-talba u mhux ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru notifikanti ***u għall-kumpaniji kkonċernati***. ***Meta rilevanti, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni minn korpi oħra tal-Unjoni bħall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku jew il-Bank Ċentrali Ewropew.***

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni kompluta u preċiża, investitur barrani jew impriża jenħtieġ li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti jew mill-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta***. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta, minkejja l-aħjar sforzi tiegħu, Stat Membru ma jkunx jista' jikseb informazzjoni mitluba minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jinnotifikahom mingħajr dewmien. F'każ bħal dan, kwalunkwe kumment maħruġ minn Stat Membru ieħor, jew kwalunkwe opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni bħala parti mill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-informazzjoni disponibbli għalihom.	(30) Sabiex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni kompluta u preċiża, investitur barrani jew impriża jenħtieġ li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti jew mill-Istat Membru ***ospitanti***. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta, minkejja l-aħjar sforzi tiegħu, Stat Membru ma jkunx jista' jikseb informazzjoni mitluba minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jinnotifikahom mingħajr dewmien. F'każ bħal dan, kwalunkwe kumment maħruġ minn Stat Membru ieħor, jew kwalunkwe opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni bħala parti mill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-informazzjoni disponibbli għalihom.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jintuża ***biss*** għall-fini tal-protezzjoni tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw kif xieraq kwalunkwe talba għal informazzjoni ***dwar*** investiment barrani speċifiku fi Stat Membru ieħor u kwalunkwe kumment li joħorġu lil dak l-Istat Membru. L-istess rekwiżiti japplikaw meta l-Kummissjoni titlob informazzjoni dwar investiment barrani partikolari jew toħroġ opinjoni lil Stat Membru.	(31) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jintuża ***esklużivament*** għall-fini tal-protezzjoni tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw kif xieraq kwalunkwe talba għal informazzjoni ***rigward*** investiment barrani speċifiku fi Stat Membru ieħor u kwalunkwe kumment li joħorġu lil dak l-Istat Membru. ***Dan huwa essenzjali biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-mekkaniżmu u biex jiġi żgurat li jkun iffukat unikament fuq it-tħassib li jirrigwarda s-sigurtà u l-ordni pubbliku.*** L-istess rekwiżiti japplikaw meta l-Kummissjoni titlob informazzjoni dwar investiment barrani partikolari jew toħroġ opinjoni lil Stat Membru.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a)Mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, jeħtieġ titqajjem kuxjenza dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fi proġetti ta' interess komuni jew f'infrastrutturi kritiċi li jkunu strateġiċi għall-Unjoni, jew dwar il-kontribuzzjoni għalihom, sabiex l-awtoritajiet

	pubbliċi jkunu jistgħu jieħdu azzjoni jekk dik il-parteċipazzjoni jew il-kontribuzzjoni x'aktarx li taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni u ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu osservazzjonijiet lil Stati Membri oħra kif ukoll lill-Kummissjoni. Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali u timmonitorja s-sitwazzjoni.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) L-Istati Membri jew il-Kummissjoni, kif adatt, jistgħu jqisu informazzjoni rilevanti riċevuta minn operaturi ekonomiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sħab soċjali (bħal trade unions) dwar investiment barrani li x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.	(32) L-Istati Membri jew il-Kummissjoni, kif adatt, jistgħu jqisu informazzjoni rilevanti riċevuta minn operaturi ekonomiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sħab soċjali (bħal trade unions) dwar investiment barrani li x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. ***Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi vvalutata bir-reqqa u tista' twassal għall-bidu ta' proċedura ta' skrinjar mill-Istat Membru ospitanti.***

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Stat Membru ***fejn ikun ippjanat jew tlesta investiment barrani*** jista' jinforma lill-Istati Membri l-oħra jew lill-Kummissjoni jekk ***jixtieqhom janalizzaw aktar aspett wieħed jew aktar ta' investiment barrani li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni qed jivvaluta jew*** isir konxju ta' ċirkostanzi ġodda jew informazzjoni ġdida li jista' jkollha impatt fuq il-valutazzjoni ***tal-investiment*** barrani. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni jistgħu mbagħad jingħataw żmien addizzjonali biex jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom tal-investiment barrani.	(33) Stat Membru ***ospitanti*** jista' jinforma lill-Istati Membri l-oħra jew lill-Kummissjoni jekk isir konxju ta' ċirkostanzi ġodda jew informazzjoni ġdida li jista' jkollha impatt fuq il-valutazzjoni ***ta' investiment*** barrani ***notifikat***. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni jistgħu mbagħad jingħataw żmien addizzjonali biex jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom tal-investiment barrani. ***F'tali każijiet, kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni jenħtieġ li tkun minima u jenħtieġ li ma ddewwimx bla bżonn il-proċedura ta' skrinjar ġenerali.***

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa meħtieġ li l-iskadenzi u l-proċeduri jiġu allinjati meta diversi investimenti barranin marbuta mal-istess tranżazzjoni usa' jiġu skrinjati f'diversi Stati Membri. F'tali tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jippreżenta t-talbiet differenti għall-awtorizzazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati ***simultanjament***. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jinnotifikaw it-talbiet ***simultanjament*** lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Sabiex jiġi	(34) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa meħtieġ li l-iskadenzi u l-proċeduri jiġu allinjati meta diversi investimenti barranin marbuta mal-istess tranżazzjoni usa' jiġu skrinjati f'diversi Stati Membri. F'tali tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jippreżenta t-talbiet differenti għall-awtorizzazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati ***fi ħdan skeda ta' żmien limitata***. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri ***jagħmlu ħilithom biex*** jinnotifikaw it-talbiet lill-mekkaniżmu ta'

żgurat trattament effiċjenti ta’ dawn it-tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati ***jenħiteġ*** li jikkoordinaw u jaqblu dwar jekk l-investimenti barranin humiex notifikabbli u ***meta jenħtieġ li jiġu nnotifikati***. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkoordinaw ukoll dwar ***id-deċiżjoni*** finali. Jekk l-Istati Membri kkonċernati jkollhom l-intenzjoni li jawtorizzaw l-investiment barrani b’kundizzjonijiet, jenħtieġ li jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet ikunu kompatibbli ma’ xulxin u jindirizzaw ir-riskji transfruntiera b’mod adegwat. Qabel ma jipprojbixxu investiment barrani, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkunsidraw jekk awtorizzazzjoni kondizzjonali b’miżuri koordinati u l-infurzar koordinat tagħhom hijiex biżżejjed biex tindirizza l-effett probabbli fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista’ tipparteċipa f’tali koordinazzjoni.

kooperazzjoni ***fi ħdan skeda ta’ żmien limitata***. Sabiex jiġi żgurat trattament effiċjenti ta’ dawn it-tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati ***jenħtieġ*** li jikkoordinaw u jaqblu dwar jekk l-investimenti barranin humiex notifikabbli u ***dwar l-allinjament tal-iskedi ta’ żmien proċedurali tagħhom***. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkoordinaw ukoll dwar ***il-kontenut tad-deċiżjoni*** finali ***tagħhom***. Jekk l-Istati Membri kkonċernati jkollhom l-intenzjoni li jawtorizzaw l-investiment barrani b’kundizzjonijiet, jenħtieġ li jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet ikunu kompatibbli ma’ xulxin u jindirizzaw ir-riskji transfruntiera b’mod adegwat. Qabel ma jipprojbixxu investiment barrani, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkunsidraw jekk awtorizzazzjoni kondizzjonali b’miżuri koordinati u l-infurzar koordinat tagħhom hijiex biżżejjed biex tindirizza l-effett probabbli fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista’ tipparteċipa ***bis-sħiħ*** f’tali koordinazzjoni.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a)Sabiex jiġi żgurat skambju ta’ informazzjoni effiċjenti u sigur bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skont dan ir-

	Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi u żżomm sistema diġitali sigura u kriptata li tkun konformi mal-ogħla standards ta' protezzjoni u sigurtà tad-data. Biex jiġu ssalvagwardjati l-kunfidenzjalità u l-integrità tal-komunikazzjonijiet, l-iskambji kollha fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru esklużivament permezz ta' dik is-sistema, u s-sistema jenħtieġ li tinkludi l-monitoraġġ u l-awditjar tal-kapaċitajiet biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tas-sigurtà.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) Biex jiġu żgurati s-sottomissjoni u l-ipproċessar siguri u effiċjenti tal-preżentazzjonijiet relatati mal-iskrinjar ta' investimenti barranin, u biex jittaffa l-piż amministrattiv kemm fuq l-applikanti kif ukoll fuq l-awtoritajiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit portal elettroniku uniku fil-livell tal-Unjoni. Dak il-portal jenħtieġ li jipprovdi mekkaniżmu unifikat għall-applikanti u r-rappreżentanti tagħhom biex jippreżentaw it-tranżazzjonijiet b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali tal-iskrinjar. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal is-sistema biex tkun faċli għall-utent u tiżgura li tikkonforma mar-regolamenti

applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u mal-istandards tas-sigurtà.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investimenti madwar l-Unjoni, huwa essenzjali li l-istandards u l-kriterji użati biex jiġu vvalutati r-riskji probabbli għas-sigurtà u l-ordni pubbliku jkunu dawk stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-Regolament. Dawk jenħtieġ li jinkludu l-impatt fuq is-sigurtà, l-integrità ***u l-funzjonament*** tal-infrastruttura kritika, id-disponibbiltà ta' teknoloġiji kritiċi (inklużi teknoloġiji abilitanti essenzjali) ***u l-provvista*** kontinwa ta' inputs kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, li t-tfixkil, il-falliment, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fuq l-Unjoni kollha kemm hi. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu wkoll il-kuntest u ċ-ċirkostanzi tal-investiment barrani. Dan jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, jekk investitur ***huwiex ikkontrollat direttament jew indirettament, pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, mill-gvern ta' pajjiż terz jew*** huwiex involut fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika ta' pajjiżi terzi ***biex jiġu ffaċilitati*** l-kapaċitajiet militari tagħhom. F'dan il-kuntest, jekk	(35) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investimenti madwar l-Unjoni, huwa essenzjali li l-istandards u l-kriterji użati biex jiġu vvalutati r-riskji probabbli għas-sigurtà u l-ordni pubbliku jkunu dawk stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-Regolament. Dawk jenħtieġ li jinkludu l-impatt fuq is-sigurtà, l-integrità***, il-funzjonament u r-reżiljenza*** tal-infrastruttura kritika ***u tas-suq intern***, id-disponibbiltà ***u l-adozzjoni*** ta' teknoloġiji ***u għarfien*** kritiċi (inklużi teknoloġiji abilitanti essenzjali)***, il-provvista*** kontinwa ta' inputs kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, li t-tfixkil, il-falliment, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fuq l-Unjoni kollha kemm hi***, is-sigurtà tal-faċilitajiet militari u ta' faċilitajiet pubbliċi sensittivi oħra, u l-kapaċità li jiġu indirizzati d-dipendenzi strateġiċi***. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu wkoll il-kuntest u ċ-ċirkostanzi tal-investiment barrani. Dan jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, jekk investitur ***wettaqx attivitajiet illegali, inkluż nuqqas ripetut li***

applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkunsidraw ukoll għaliex l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tiegħu jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu jew persuna li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' tali investitur barrani huma soġġetti għal kwalunkwe tip ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE.

jikkonforma mal-istandards legali tal-Unjoni, jekk huwiex involut fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika ta' pajjiżi terzi***, jew għandux l-għan li jiffaċilita*** l-kapaċitajiet militari tagħhom ***jew il-ksur tad-dritt internazzjonali***. ***L-ilħuq tal-objettivi ta' politika ta' pajjiż terz jista' jinvolvi li l-gvern tiegħu jeżerċita influwenza fuq l-impriżi, li jwassal għal distorsjonijiet sinifikanti tas-suq.*** F'dan il-kuntest, jekk applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkunsidraw ukoll għaliex l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tiegħu jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu jew persuna li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' tali investitur barrani huma soġġetti għal kwalunkwe tip ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Meta l-Istat Membru ***fejn ikun ippjanat jew tlesta l-investiment barrani*** jqis li investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jintalab jieħu miżuri xierqa biex itaffi r-riskji, fejn tali miżuri jkunu disponibbli, u jqis li dawn ikunu adegwati, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-	(36) Meta l-Istat Membru ***ospitanti*** jqis li investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jintalab jieħu miżuri xierqa biex itaffi r-riskji, fejn tali miżuri jkunu disponibbli, u jqis li dawn ikunu adegwati, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni, jekk applikabbli. Jenħtieġ li l-

Kummissjoni, jekk applikabbli. Jenħtieġ li l-investimenti barranin ikunu pprojbiti biss fuq bażi eċċezzjonali, u fejn il-miżuri ta' mitigazzjoni jew il-miżuri disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għajr il-mekkaniżmu ta' skrinjar ma jkunux biżżejjed biex itaffu l-effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.	investimenti barranin ikunu pprojbiti biss fuq bażi eċċezzjonali, u fejn il-miżuri ta' mitigazzjoni jew il-miżuri disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għajr il-mekkaniżmu ta' skrinjar ma jkunux biżżejjed biex itaffu l-effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

Emenda 36
Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u jitrawwem l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri, jenħtieġ li jinżamm il-grupp ta' esperti dwar l-iskrinjar tal-investimenti barranin stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2019/452.	(37) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u jitrawwem l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri, jenħtieġ li jinżamm il-grupp ta' esperti dwar l-iskrinjar tal-investimenti barranin stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2019/452 ***u jenħtieġ li l-kompiti tiegħu jiġu aġġornati f'konformità ma' dan ir-Regolament***.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a)Sabiex tittejjeb it-trasparenza u jiġi ffaċilitat il-proċess għall-investituri, l-Istati Membri jenħtieġ li jippubblikaw u jaġġornaw regolarment gwida dwar il-proċeduri ta' skrinjar, l-iskedi ta' żmien u l-kriterji ta' valutazzjoni tar-riskju. Sabiex

	tiżgura t-trasparenza u applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika u taġġorna regolarment gwida dwar ir-rekwiżiti fil-livelli tal-Unjoni, kif ukoll dwar il-kunċetti ewlenin u l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti minn dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżomm ukoll lista disponibbli għall-pubbliku tal-mekkaniżmi kollha ta' skrinjar stabbiliti mill-Istati Membri.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, il-punti ta' kuntatt stabbiliti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jitqiegħdu b'mod xieraq ***fl-amministrazzjonijiet*** rispettivi. Il-punti ta' kuntatt jenħtieġ li jkollhom il-persunal kwalifikat u s-setgħat meħtieġa biex iwettqu l-ħidma tagħhom taħt il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u jiżguraw trattament xieraq tal-informazzjoni kunfidenzjali.	(39) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, il-punti ta' kuntatt stabbiliti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jitqiegħdu ***strateġikament*** b'mod xieraq ***fi ħdan l-amministrazzjonijiet*** rispettivi. Il-punti ta' kuntatt jenħtieġ li jkollhom il-persunal kwalifikat u s-setgħat meħtieġa biex iwettqu l-ħidma tagħhom taħt il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u jiżguraw trattament xieraq tal-informazzjoni kunfidenzjali ***bi qbil mal-oqfsa legali applikabbli***.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli ta’ pajjiżi terzi li huma tal-istess fehma dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar ta’ investimenti barranin li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Tali kooperazzjoni amministrattiva jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ l-effettività tal-qafas għall-iskrinjar ta’ investimenti barranin mill-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinżamm infurmata dwar tali kuntatti bilaterali sal-punt li jkunu relatati ma’ kwistjonijiet sistemiċi relatati mal-iskrinjar tal-investiment. Jenħtieġ li jkun ukoll possibbli għall-Kummissjoni li timmonitorja l-iżviluppi fir-rigward tal-mekkaniżmi ta’ skrinjar f’pajjiżi terzi.	(40) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti jikkooperaw ***attivament*** mal-awtoritajiet responsabbli ta’ pajjiżi terzi li huma tal-istess fehma dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar ta’ investimenti barranin li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Tali kooperazzjoni amministrattiva jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ l-effettività tal-qafas għall-iskrinjar ta’ investimenti barranin mill-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinżamm infurmata dwar tali kuntatti bilaterali sal-punt li jkunu relatati ma’ kwistjonijiet sistemiċi***, tendenzi jew l-aħjar prattiki*** relatati mal-iskrinjar tal-investiment. Jenħtieġ li jkun ukoll possibbli għall-Kummissjoni li timmonitorja l-iżviluppi fir-rigward tal-mekkaniżmi ta’ skrinjar f’pajjiżi terzi.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a)Dan ir-Regolament jenħtieġ li jitqies fil-kuntest usa’ tal-pakkett tal-istrumenti ta’ difiża tal-Unjoni bl-għan li jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà, inklużi r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali, u jenħtieġ li jkun żgurat li l-kamp ta’

	applikazzjoni jiġi stabbilit bi qbil ma' dawk il-miżuri biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u biex jiġi żgurat approċċ immirat u proporzjonat.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) L-Istati Membri u l-Kummissjoni ***għandhom*** jiżguraw ***il-kunfidenzjalità*** tal-informazzjoni li jipprovdu jew jirċievu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Fejn l-iżvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni jikkawża gradi differenti ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni Ewropea, jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar, l-oriġinatur tal-informazzjoni jenħtieġ li jikklassifika l-informazzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Meta jwieġbu għal talbiet ta' aċċess għal dokumenti ttrattati fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ***għandhom*** jikkoordinaw u jipprovdu mill-inqas il-livell ta' protezzjoni tal-interessi protetti disponibbli skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001[5], bil-ħsieb li ***jiġi protett l-għan*** tal-investigazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali f'konformità, b'mod partikolari, mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443[6] u d-Deċiżjoni tal-	(41) L-Istati Membri u l-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jiżguraw ***l-ogħla livell ta' kunfidenzjalità*** tal-informazzjoni li jipprovdu jew jirċievu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Fejn l-iżvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni jikkawża gradi differenti ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni Ewropea, jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar, l-oriġinatur tal-informazzjoni jenħtieġ li jikklassifika l-informazzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Meta jwieġbu għal talbiet ta' aċċess għal dokumenti ttrattati fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** jikkoordinaw u jipprovdu mill-inqas il-livell ta' protezzjoni tal-interessi protetti disponibbli skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001[5], bil-ħsieb li ***jissalvagwardjaw l-integrità*** tal-investigazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali f'konformità, b'mod partikolari, mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom)

Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444[7]. Bl-istess mod, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mal-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni[8]. Dan jinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu li ma jkunx hemm tnaqqis fil-grad jew id-deklassifikazzjoni ta' informazzjoni ***klassifikata*** mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur. Kwalunkwe informazzjoni sensittiva li mhijiex klassifikata jew informazzjoni li tingħata fuq bażi kunfidenzjali jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala tali mill-awtoritajiet.

2015/443[6] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444[7]. Bl-istess mod, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mal-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni[8]. Dan jinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu ***li tinżamm il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni klassifikata u*** li ma jkunx hemm tnaqqis fil-grad jew id-deklassifikazzjoni ta' ***tali*** informazzjoni mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur. Kwalunkwe informazzjoni sensittiva li mhijiex klassifikata jew informazzjoni li tingħata fuq bażi kunfidenzjali jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala tali mill-awtoritajiet.

---

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43-48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/443/oj).

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43-48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/443/oj).

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE

(ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj).

[8] Il-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 202, 8.7.2011, p. 13).

(ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj).

[8] Il-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 202, 8.7.2011, p. 13).

Emenda 42

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għal aktar trasparenza, ir-rapport jenħtieġ li jsir pubbliku. Ir-rapport jenħtieġ li jkun ibbażat, fost affarijiet oħra, fuq rapporti ppreżentati mill-Istati Membri kollha lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali bir-rispett dovut għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' ċerta informazzjoni, b'mod partikolari fejn il-pubblikazzjoni tad-data tista' taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tipperikola l-kunfidenzjalità kummerċjali.	(43) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għal aktar trasparenza, ir-rapport jenħtieġ li jsir pubbliku. Ir-rapport jenħtieġ li jkun ibbażat, fost affarijiet oħra, fuq rapporti ppreżentati mill-Istati Membri kollha lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali bir-rispett dovut għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' ċerta informazzjoni, b'mod partikolari fejn il-pubblikazzjoni tad-data tista' taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tipperikola l-kunfidenzjalità kummerċjali. ***Ir-rapport jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar it-tendenzi u l-fatturi ta' riskju emerġenti kif ukoll aġġornamenti dwar l-iżviluppi leġiżlattivi fl-Istati Membri.***

Emenda 43

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin ***wara dan*** u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta ***leġislattiva***.	(44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***3*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin ***minn hemm 'il quddiem*** u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport ***jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, valutazzjoni tal-kontribut ta' dan ir-Regolament għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni.*** Jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta ***leġiżlattiva***.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Meta investiment barrani jikkostitwixxi konċentrazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[12], jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Jenħtieġ li dan ir-Regolament u l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jiġu applikati b'mod konsistenti. Sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv ta' dawk iż-żewġ Regolamenti jikkoinċidi,	(46) Meta investiment barrani jikkostitwixxi konċentrazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[12], jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Jenħtieġ li dan ir-Regolament u l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jiġu applikati b'mod konsistenti. Sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv ta' dawk iż-żewġ Regolamenti jikkoinċidi,

jenħtieġ li r-raġunijiet għall-iskrinjar stabbiliti fl-Artikolu ***12*** ta' dan ir-Regolament u l-kunċett ta' interessi leġittimi fis-sens tal-Artikolu 21(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jiġu interpretati b'mod koerenti, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali li għandhom l-għan li jipproteġu dawk l-interessi bil-prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni.

_____

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj).

jenħtieġ li r-raġunijiet għall-iskrinjar stabbiliti fl-Artikolu ***1*** ta' dan ir-Regolament u l-kunċett ta' interessi leġittimi fis-sens tal-Artikolu 21(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jiġu interpretati b'mod koerenti, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali li għandhom l-għan li jipproteġu dawk l-interessi bil-prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni.

_____

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj).

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi għal dan ir-Regolament. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-	(49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji***, materjali***, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni***, b'mod partikolari fid-dawl tal-valutazzjonijiet tar-riskju li għandhom jitwettqu fl-ambitu tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika***, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-

Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi għal dan ir-Regolament. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, ***materjali,*** assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li, b'mod partikolari, taġġorna l-Anness I fil-każ li proġetti jew programmi ġodda ta' interess għall-Unjoni jiġu stabbiliti fil-kuntest tal-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali futuri.*** Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament

	Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
[16] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.	[16] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ***tal-forma*** li ***għandha tintuża*** biex tiġi pprovduta informazzjoni minima dwar l-investimenti barranin, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].	(50) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ***tal-forom*** li ***għandhom jintużaw*** biex tiġi pprovduta informazzjoni minima dwar l-investimenti barranin ***u biex jiġu ppreżentati talbiet għal awtorizzazzjoni***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].
[17] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).	[17] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

Emenda 47

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2019/452 jitħassar. Sabiex l-Istati Membri u l-entitajiet ikollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-implimentazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn [żid id-data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Fil-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2019/452 jenħtieġ li jkompli japplika,	(51) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2019/452 jitħassar. Sabiex l-Istati Membri u l-entitajiet ikollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-implimentazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn [żid id-data: ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. ***Jenħtieġ li jkun applikabbli irrispettivament mill-istabbiliment tal-portal uniku għall-preżentazzjoni ta' talbiet għal awtorizzazzjoni.*** Fil-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2019/452 jenħtieġ li jkompli japplika,

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-iskrinjar, mill-Istati Membri, ta' investimenti barranin fit-territorju tagħhom, għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-iskrinjar, mill-Istati Membri, ta' investimenti barranin fit-territorju tagħhom, għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku***, inkluża s-sigurtà ekonomika***.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni dwar investimenti barranin, jivvalutaw l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, u jidentifikaw tħassib potenzjali ***li għandu jiġi indirizzat mill-Istat Membru li qed jiskrinja l-investiment barrani***.	2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni ***rilevanti*** dwar investimenti barranin, jivvalutaw l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, u jidentifikaw ***u jindirizzaw*** tħassib potenzjali.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali f'oqsma mhux ***ikkoordinati*** minn dan ir-Regolament.	3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali f'oqsma mhux ***koperti*** minn dan ir-Regolament***, dment li tali dispożizzjonijiet ma jimminawx l-objettivi ta' dan ir-Regolament u jkunu konsistenti magħhom***.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont it-Trattati, b'mod partikolari l-Artikoli 49 u 63 tat-TFUE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda fil-	5. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont it-Trattati, b'mod partikolari l-Artikoli 49 u 63 tat-TFUE***, u għad-dritt tagħhom li jieħdu miżuri li jkunu ġustifikati għal***

qafas ta’ dan ir-Regolament tikkonforma ma’ dawk l-obbligi. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE biex tiżgura l-konformità mal-liġi tal-Unjoni.	***raġunijiet ta’ politika pubblika jew sigurtà pubblika skont l-Artikolu 65 tat-TFUE***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda fil-qafas ta’ dan ir-Regolament tikkonforma ma’ dawk l-obbligi. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE biex tiżgura l-konformità mal-liġi tal-Unjoni.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-investimenti permezz ta’ għodda ta’ riżoluzzjoni u r-ristrutturar intern ma jaqgħux fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) “investiment barrani” tfisser ***investiment dirett barrani jew*** investiment fl-Unjoni ***taħt kontroll*** barrani, li jippermetti parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta’ ***entità*** fil-mira tal-Unjoni;	(1) “investiment barrani” tfisser investiment ***ta’ kwalunkwe tip, imwettaq minn investitur barrani nnifsu jew permezz ta’ sussidjarja ta’ investitur barrani*** fl-Unjoni***, bl-għan li jistabbilixxi jew iżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur*** barrani ***u entità fil-mira tal-Unjoni***, li ***għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi***

Stat Membru, filwaqt li jippermetti parteċipazzjoni attiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' ***dik l-entità*** fil-mira tal-Unjoni;

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "investiment greenfield" tfisser investiment barrani mwettaq permezz tal-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda jew ta' impriża ġdida għat-twettiq ta' attività ekonomika ġdida fl-Unjoni;

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) "għodda ta' riżoluzzjoni" tfisser kwalunkwe għodda ta' riżoluzzjoni f'konformità mad-Direttiva 2014/59/UE, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014, ir-Regolament (UE) 2021/23, ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew ir-Regolament (UE) Nru 648/2012;

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) “ristrutturar intern” tfisser bidliet fil-parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta’ entità fil-mira tal-Unjoni li jseħħu f’katina ta’ sjieda li fl-aħħar mill-aħħar ma jirriżultaw f’ebda bidla fis-sjieda jew fil-kontroll tal-entità fil-mira;

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) “investiment dirett barrani” tfisser investiment ta’ kwalunkwe tip minn investitur barrani li għandu l-għan li jistabbilixxi jew li jżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni eżistenti jew li għad trid tiġi stabbilita, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru;	***imħassar***

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) “investiment fl-Unjoni taħt kontroll barrani” tfisser investiment ta’ kwalunkwe tip imwettaq minn investitur barrani permezz tas-	***imħassar***

sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni, li għandu l-għan li jistabbilixxi jew iżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni li teżisti jew li għandha tiġi stabbilita, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru;

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) “sussidjarja ta’ investitur barrani fl-Unjoni” tfisser impriża ***ekonomikament attiva*** stabbilita skont il-liġijiet ta’ Stat Membru li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013[18], u kkontrollata direttament jew indirettament minn investitur barrani;	(7) “sussidjarja ta’ investitur barrani fl-Unjoni” tfisser impriża stabbilita skont il-liġijiet ta’ Stat Membru li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013[18], u kkontrollata direttament jew indirettament minn investitur barrani;
[18] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ intrapriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19-76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).	[18] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ intrapriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19-76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "sid benefiċjarju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li, fl-aħħar mill-aħħar, tippossjedi jew tikkontrolla entità ġuridika jew arranġament ġuridiku simili;

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) "struttura ta' sjieda opaka" tfisser arranġament li fih is-sjieda jew il-kontroll ta' entità ma jkunux ċari, ikunu moħbija jew ikun diffiċli li jiġu aċċertati minħabba, fost oħrajn, l-użu ta' strutturi ġuridiċi kumplessi, saffi multipli ta' sjieda, azzjonisti mandatarji, trusts, jew mekkaniżmi oħra li joskuraw l-identità tas-sid benefiċjarju;

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "***Entità*** fil-mira tal-Unjoni" tfisser impriża stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru;	(8) "***entità*** fil-mira tal-Unjoni" tfisser impriża stabbilita ***jew li għandha tiġi stabbilita*** skont il-liġijiet ta' Stat Membru;

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) “***Entità*** fil-mira tal-Unjoni ekonomikament attiva f’wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II” tfisser ***mira*** tal-Unjoni attiva jew maħsuba li tkun attiva ***fit-teknoloġiji***, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ***ta’ importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni,*** elenkati fl-Anness II***, inkluż permezz tas-sjieda, l-użu, il-produzzjoni jew il-provvista tagħhom***;	(9) “***entità*** fil-mira tal-Unjoni ekonomikament attiva f’wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II” tfisser ***entità fil-mira*** tal-Unjoni attiva jew maħsuba li tkun attiva ***fit-tfassil, l-iżvilupp, l-estrazzjoni, l-ipproċessar, il-produzzjoni, ir-riċiklaġġ jew il-provvista tat-teknoloġiji, il-materjali***, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi elenkati fl-Anness II;

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) “proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni” tfisser proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-Unjoni li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta’ infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku u li huma elenkati fl-Anness I;	(18) “proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni” tfisser proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-Unjoni li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta’ infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi***, servizzi kritiċi u essenzjali*** jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku u li huma elenkati fl-Anness I;

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a)“Stat Membru ospitanti” tfisser l-Istat Membru li fih investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta;

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a)“infrastruttura kritika” tfisser assi, faċilità, tagħmir, network jew sistema, jew parti minn assi, faċilità, tagħmir, network jew sistema, li huma meħtieġa għall-forniment ta’ servizz essenzjali;

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmu ta’ skrinjar imsemmi fil-paragrafu 1 japplika mill-inqas għal investimenti soġġetti għal rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 4(4).	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmu ta’ skrinjar imsemmi fil-paragrafu 1 japplika mill-inqas għal investimenti soġġetti għal rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 4(4) ***u (4a)***.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont il-paragrafu 1 mhux aktar tard minn ***[data: 15-il*** xahar ***wara d-dħul*** fis-seħħ]. Wara dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda għall-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tal-emenda.	3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont il-paragrafu 1 mhux aktar tard minn ***... 12-il*** xahar ***mid-data tad-dħul*** fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***]. Wara dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda għall-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tal-emenda.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku lista tal-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri mhux aktar tard minn 3 xhur wara li tkun irċeviet in-notifiki kollha msemmija fil-paragrafu 3 jew sa ***[data: 21*** xahar ***wara d-dħul*** fis-seħħ], skont liema jseħħ l-ewwel. Il-Kummissjoni għandha żżomm dik il-lista aġġornata.	4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku lista tal-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri mhux aktar tard minn 3 xhur wara li tkun irċeviet in-notifiki kollha msemmija fil-paragrafu 3 jew sa ***... 15-il*** xahar ***mid-data tad-dħul*** fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***], skont liema jseħħ l-ewwel. Il-Kummissjoni għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandhom jiġu previsti proċeduri adegwati għall-awtorità tal-iskrinjar biex tiddetermina jekk għandhiex ġuriżdizzjoni fuq	(a) għandhom jiġu previsti proċeduri adegwati għall-awtorità tal-iskrinjar biex tiddetermina jekk għandhiex ġuriżdizzjoni fuq

investiment barrani ppreżentat għal awtorizzazzjoni ***u biex twettaq*** rieżami inizjali segwit minn, fejn meħtieġ, investigazzjoni fil-fond biex tiddetermina jekk dak l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. L-għan tal-investigazzjoni fil-fond għandu jkun, b'mod partikolari, li tiddetermina jekk deċiżjoni tal-iskrinjar kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) hijiex xierqa u li tiddetermina l-kontenut tagħha***.***	investiment barrani ppreżentat għal awtorizzazzjoni***. L-iskrinjar għandu jinkludi*** rieżami inizjali ***ta' mhux aktar minn 35 jum kalendarju wara l-wasla tat-talba kompluta għal awtorizzazzjoni,*** segwit minn, fejn meħtieġ, investigazzjoni fil-fond biex tiddetermina jekk dak l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku***, filwaqt li jitqiesu mill-inqas il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13***. L-għan tal-investigazzjoni fil-fond għandu jkun, b'mod partikolari, li tiddetermina jekk deċiżjoni tal-iskrinjar kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) hijiex xierqa u li tiddetermina l-kontenut tagħha***;***

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li tiskrinja l-investimenti greenfield;

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-awtorità tal-iskrinjar għandha timmonitorja u tiżgura l-konformità mal-mekkaniżmu ***tal-iskrinjar*** u mad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar. B'mod partikolari, hija għandha tistabbilixxi proċeduri	(b) l-awtorità tal-iskrinjar għandha timmonitorja u tiżgura l-konformità mal-mekkaniżmu ***ta' skrinjar*** u mad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar. B'mod partikolari, hija għandha tistabbilixxi proċeduri ***u***

adegwati biex tidentifika u tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmu ***tal-iskrinjar*** u tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar;	***riżorsi*** adegwati biex tidentifika***, tindirizza*** u tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmu ***ta' skrinjar*** u tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar;

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li tibda l-iskrinjar tal-investimenti barranin bl-inizjattiva tagħha stess ***għal mill-inqas*** 15-il xahar ***wara t-tlestija*** ta' investiment barrani li ma jkunx soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni meta l-awtorità tal-iskrinjar ikollha raġunijiet biex tqis li l-investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku;	(c) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li tibda l-iskrinjar tal-investimenti barranin bl-inizjattiva tagħha stess ***fi żmien*** 15-il xahar ***mit-tlestija*** ta' investiment barrani li ma jkunx soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni meta l-awtorità tal-iskrinjar ikollha raġunijiet biex tqis li l-investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku;

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) informazzjoni kunfidenzjali***, inkluża informazzjoni sensittiva kummerċjalment,*** magħmulha disponibbli għall-Istat Membru li jwettaq l-iskrinjar, għandha tkun protetta;	(d) informazzjoni kunfidenzjali magħmulha disponibbli għall-Istat Membru li jwettaq l-iskrinjar, ***inkluża informazzjoni sensittiva kummerċjalment u informazzjoni ddeżinjata bħala kunfidenzjali mill-impriżi kkonċernati,*** għandha tkun protetta;

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) investituri barranin, sussidjarji ta' investituri barranin fl-Unjoni li permezz tagħhom jitwettaq l-investiment barrani u l-impriżi kkonċernati minn deċiżjoni tal-iskrinjar għandu jkollhom il-possibbiltà li jfittxu rikors ġudizzjarju kontra dik id-deċiżjoni tal-iskrinjar;	(e) investituri barranin, sussidjarji ta' investituri barranin fl-Unjoni li permezz tagħhom jitwettaq l-investiment barrani u l-impriżi kkonċernati minn deċiżjoni tal-iskrinjar għandu jkollhom il-possibbiltà li jfittxu rikors ġudizzjarju kontra dik id-deċiżjoni tal-iskrinjar ***b'mod effettiv u f'waqtu***;

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) rapport annwali għandu jsir pubbliku, u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi leġiżlattivi rilevanti fl-Istat Membru u d-data aggregata u anonimizzata dwar l-investimenti skrinjati, inkluż l-eżitu tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar, in-nazzjonalitajiet, jew il-pajjiż ta' stabbiliment skont il-każ, tal-partijiet għall-investimenti nnotifikati lill-awtorità tal-iskrinjar, u s-setturi ekonomiċi li fihom ikunu seħħew dawk it-tranżazzjonijiet;	(f) rapport annwali għandu jsir pubbliku, u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi leġiżlattivi rilevanti fl-Istat Membru u d-data aggregata u anonimizzata dwar l-investimenti skrinjati, inkluż l-eżitu tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar, in-nazzjonalitajiet, jew il-pajjiż ta' stabbiliment skont il-każ, tal-partijiet għall-investimenti nnotifikati lill-awtorità tal-iskrinjar, u s-setturi ekonomiċi li fihom ikunu seħħew dawk it-tranżazzjonijiet***, kif ukoll il-proġetti jew il-programmi ta' interess għall-Unjoni kkonċernati, fejn applikabbli***;

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-investimenti barranin soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni kif imsemmi ***fil-paragrafu 4*** għandhom jiġu ppreżentati mill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni mal-awtorità tal-iskrinjar u għandhom jiġu skrinjati qabel ma jitlesta l-investiment barrani;	(g) l-investimenti barranin soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni kif imsemmi ***fil-paragrafi 4 u 4a*** għandhom jiġu ppreżentati mill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni mal-awtorità tal-iskrinjar u għandhom jiġu skrinjati qabel ma jitlesta l-investiment barrani;

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw stadji proċedurali standardizzati u punti ta' komunikazzjoni strutturati mal-applikanti matul il-proċess kollu, inkluż rikonoxximent formali ta' preżentazzjoni kompluta fi żmien 5 ijiem ta' xogħol u jinfurmaw lill-impriżi kkonċernati meta l-awtorità tal-iskrinjar tiddeċiedi li tiftaħ investigazzjoni fil-fond;

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li timponi miżuri ta' mitigazzjoni, tipprojbixxi, jew ixxolji investimenti barranin soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni	(h) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li timponi miżuri ta' mitigazzjoni, tipprojbixxi, jew ixxolji investimenti barranin soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni

kif imsemmi ***fil-paragrafu 4*** li ma jkunux ġew ippreżentati jew li jkunu ġew ippreżentati wara t-tlestija u, fejn applikabbli, tindirizza b'mod effettiv il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni;	kif imsemmi ***fil-paragrafi 4 jew 4a*** li ma jkunux ġew ippreżentati jew li jkunu ġew ippreżentati wara t-tlestija u, fejn applikabbli, tindirizza b'mod effettiv il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni;

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) l-awtoritajiet tal-iskrinjar għandhom jingħataw is-setgħa li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq investituri barranin li jonqsu milli jitolbu awtorizzazzjoni meta jkunu meħtieġa jagħmlu dan, meta jonqsu milli jikkonformaw mal-miżuri ta' mitigazzjoni, jew inkella jippruvaw jevitaw il-mekkaniżmu ta' skrinjar jew id-deċiżjonijiet tal-iskrinjar. Il-penali għandhom jirriflettu l-iskala u n-natura tal-ksur;

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt hb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(hb) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tistabbilixxi proċeduri adegwati u kanali siguri biex tirċievi informazzjoni dwar investimenti barranin minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, operaturi ekonomiċi u

	sħab soċjali;

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma jieħdu deċiżjoni li tawtorizza investiment barrani soġġett għal miżuri ta' mitigazzjoni jew li tipprojbixxi investiment barrani, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni u jiddikjaraw ir-raġunijiet li dwarhom beħsiebhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom, soġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-investitur barrani l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu qabel ma ***jieħu tali*** deċiżjoni.	3. Qabel ma jieħdu deċiżjoni li tawtorizza investiment barrani soġġett għal miżuri ta' mitigazzjoni jew li tipprojbixxi investiment barrani, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni u jiddikjaraw ir-raġunijiet li dwarhom beħsiebhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom, soġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-investitur barrani l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu ***u għandhom iqisu dak l-input*** qabel ma ***jittrażmettu l-abbozz ta'*** deċiżjoni ***tagħhom skont l-Artikolu 7(8)***.

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tkun parti minn jew tipparteċipa f'wieħed mill-proġetti jew mill-programmi ta' interess għall-Unjoni elenkati fl-Anness I,	(a) tkun parti minn jew tipparteċipa f'wieħed mill-proġetti jew mill-programmi ta' interess għall-Unjoni elenkati fl-Anness I,

inkluż bħala riċevitur ta’ fondi kif definit fl-Artikolu 2 ***(53)*** tar-Regolament ***2018/1046*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[19]***, jew	inkluż bħala riċevitur ta’ fondi kif definit fl-Artikolu 2***, il-punt (59),*** tar-Regolament ***(UE) 2024/2509*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[19a]***, jew
_____	_____
[19] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1-222, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).	***[19a] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).***

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-investimenti barranin greenfield meta:
	(a) il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) jew fil-punt (b) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati;
	(b) l-investitur jissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1), il-punt(b), il-punti (i) sa (iii); u
	(c) il-valur tat-tranżazzjoni jkun mill-inqas EUR 250 miljun.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni ***stabbilita*** fit-territorju tagħhom li:	1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni fit-territorju tagħhom li:

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4) ***punt*** (a); jew	(a) jirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4)***, il-punt*** (a)***, jew fl-Artikolu 4(4a)***; jew

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-investitur barrani jew is-sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni ***tkun*** direttament jew indirettament ***ikkontrollata*** mill-gvern, inklużi korpi tal-istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali jew forzi armati, ta' pajjiż terz, inkluż permezz ta' struttura ta' sjieda, finanzjament sinifikanti, drittijiet speċjali jew diretturi jew maniġers maħtura mill-Istat;	(i) l-investitur barrani jew is-sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni ***jkunu*** direttament jew indirettament ***ikkontrollati*** mill-gvern, inklużi korpi tal-istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali jew forzi armati, ta' pajjiż terz, inkluż permezz ta' struttura ta' sjieda, finanzjament sinifikanti, drittijiet speċjali jew diretturi jew maniġers maħtura mill-Istat***, jew karatteristiċi oħra bl-għan li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-maniġment***;

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta', tali investitur barrani jkun soġġett għal miżuri	(ii) l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta', tali investitur barrani jkun soġġett għal miżuri

restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE; ***jew***	restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE;

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu ***kien involut*** f'investiment barrani preċedentement skrinjat minn Stat Membru u ma kienx awtorizzat jew awtorizzat biss b'kundizzjonijiet; biex jiddetermina dan, l-Istat Membru notifikanti għandu jibbaża fuq l-informazzjoni disponibbli għalih, inkluża l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data sigura stabbilita skont l-Artikolu 7(10) u l-informazzjoni pprovduta mill-investitur barrani dwar din il-kwistjoni***.***	(iii) l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu ***kienu involuti*** f'investiment barrani preċedentement skrinjat minn Stat Membru ***li*** ma kienx awtorizzat jew awtorizzat biss b'kundizzjonijiet; biex jiddetermina dan, l-Istat Membru notifikanti għandu jibbaża fuq l-informazzjoni disponibbli għalih, inkluża l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data sigura stabbilita skont l-Artikolu 7(10) u l-informazzjoni pprovduta mill-investitur barrani dwar din il-kwistjoni***; jew***

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) l-istruttura ta' sjieda tal-investitur tkun opaka.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom	2. L-Istati Membri għandhom

jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani ***f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita*** fit-territorju tagħhom meta jibdew investigazzjoni fil-fond skont il-proċeduri ta' skrinjar tagħhom. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom, f'każijiet eċċezzjonali, meta jkollhom l-intenzjoni li jimponu miżura ta' mitigazzjoni jew li jipprojbixxu t-tranżazzjoni mingħajr investigazzjoni fil-fond.***	jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani fit-territorju tagħhom ***li ma jkunx ġie nnotifikat skont il-paragrafu 1,*** meta jibdew investigazzjoni fil-fond skont il-proċeduri ta' skrinjar tagħhom.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, mill-aktar fis possibbli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani fit-territorju tagħhom meta, f'każijiet eċċezzjonali, ikunu biħsiebhom jimponu miżura ta' mitigazzjoni jew li jipprojbixxu t-tranżazzjoni mingħajr investigazzjoni fil-fond.

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jinnotifikaw kwalunkwe investiment barrani li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jekk l-Istat Membru ***fejn tkun stabbilita l-entità fil-mira tal-Unjoni*** jqis li investiment barrani jista' jkun ta' interess għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni minn perspettiva ta' sigurtà jew ordni pubbliku, inkluż fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li għandu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti li huma ekonomikament attivi f'wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II.	L-Istati Membri ***għandhom*** jinnotifikaw kwalunkwe investiment barrani li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jekk l-Istat Membru ***ospitanti*** jqis li investiment barrani jista' jkun ta' interess għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni minn perspettiva ta' sigurtà jew ordni pubbliku, inkluż fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li għandu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti li huma ekonomikament attivi f'wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jinnotifika investiment barrani fit-territorju tiegħu li jifforma parti minn tranżazzjoni multinazzjonali skont l-Artikolu 6(2), huwa għandu jikkoordina mal-Istati Membri l-oħra li jkunu rċevew it-talba għall-awtorizzazzjoni. L-Istati Membri rispettivi għandhom jinnotifikaw it-tranżazzjoni multinazzjonali u għandhom jagħmlu ħilithom biex jibagħtu n-notifiki tagħhom lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni	***imħassar***

fl-istess jum.

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li notifika skont l-Artikolu 5 ***ikun*** fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) u tintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)***:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li notifika skont l-Artikolu 5 ***jkun*** fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) u tintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra:

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fi żmien 15-il jum kalendarju minn meta tasal it-talba ***rispettiva*** għal awtorizzazzjoni għal investimenti barranin li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) jew (3);	(a) fi żmien 15-il jum kalendarju minn meta tasal it-talba ***kompluta*** għal awtorizzazzjoni għal investimenti barranin li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)***, (2a)*** jew (3);

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fi żmien ***60 jum kalendarju*** minn meta ***tasal it-talba għall-awtorizzazzjoni*** għal investimenti barranin li	(b) fi żmien ***5 ijiem kalendarji*** minn meta ***tinbeda investigazzjoni fil-fond*** għal investimenti barranin li

jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2).	jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2).

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċeduri li ġejjin għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet multinazzjonali:	***imħassar***
(a) l-applikanti li jitolbu awtorizzazzjoni għandhom jippreżentaw it-talbiet tagħhom għall-awtorizzazzjoni fl-Istati Membri rilevanti kollha fl-istess jum, u kull talba għall-awtorizzazzjoni għandha tagħmel referenza għat-talbiet l-oħra;	
(b) fejn Stat Membru jirċievi talba għal awtorizzazzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a), huwa għandu jikkoordina mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati, inter alia, biex jiddetermina jekk il-punt (c) jew (d) ta' dan il-paragrafu huwiex applikabbli; il-Kummissjoni tista' tipparteċipa f'tali koordinazzjoni fuq talba minn Stat Membru wieħed jew aktar;	
(c) jekk it-talbiet għal awtorizzazzjoni jikkonċernaw investiment barrani li jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1), l-Istati Membri rispettivi għandhom jibagħtu n-notifiki tagħhom lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fl-istess jum u	

sal-iskadenza stabbilita fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(d) jekk it-talbiet għal awtorizzazzjoni jikkonċernaw investiment barrani li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), l-Istati Membri rispettivi għandhom jagħmlu ħilithom biex jibagħtu n-notifiki tagħhom lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fl-istess jum.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Regoli speċifiċi applikabbli għal tranżazzjonijiet multinazzjonali
	1. L-applikanti li jitolbu awtorizzazzjoni għal investiment f'diversi Stati Membri għandhom jippreżentaw it-talbiet tagħhom għal awtorizzazzjoni fl-Istati Membri rilevanti kollha fi żmien 3 ijiem kalendarji mill-ewwel talba għal awtorizzazzjoni, u kull talba għal awtorizzazzjoni għandha tagħmel referenza għat-talbiet l-oħra.
	2. Meta Stat Membru jirċievi talba għal awtorizzazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandu jikkoordina mal-Istati Membri kkonċernati l-oħra u mal-Kummissjoni, fost oħrajn biex jiddetermina jekk l-

investiment huwiex notifikabbli.

3. Jekk it-talbiet għal awtorizzazzjoni jikkonċernaw investiment barrani li jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu n-notifiki tagħhom lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fi żmien 3 ijiem kalendarji mill-ewwel talba għal awtorizzazzjoni u sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 6, il-punt (a).

4. Jekk it-talbiet għal awtorizzazzjoni jikkonċernaw investiment barrani li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu ħilithom biex jibagħtu n-notifiki tagħhom lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni f'perjodu ta' żmien limitat u sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 6(1), il-punt (b).

5. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkoordinaw mill-qrib tul il-proċedura kollha. B'mod partikolari, għandhom jagħmlu ħilithom biex jallinjaw l-iskedi ta' żmien tal-proċeduri ta' skrinjar rispettivi tagħhom u biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet tal-iskrinjar rispettivi tagħhom ikunu kompatibbli ma' xulxin. Meta applikabbli, għandhom jagħmlu ħilithom biex jieħdu d-deċiżjoni finali tagħhom tal-iskrinjar fl-istess jum.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kummenti mill-Istati Membri u opinjonijiet mill-Kummissjoni dwar investimenti barranin notifikati	Kummenti mill-Istati Membri u opinjonijiet ***u deċiżjonijiet*** mill-Kummissjoni dwar investimenti barranin notifikati

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kwalunkwe Stat Membru jista' joħroġ kummenti debitament motivati lill-Istat Membru notifikanti ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)***. Stat Membru jista' joħroġ tali kummenti jekk huwa:	Kwalunkwe Stat Membru jista' joħroġ kummenti debitament motivati lill-Istat Membru notifikanti. Stat Membru jista' joħroġ tali kummenti jekk huwa:

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istat Membru notifikanti ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)***. Il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ tali opinjoni jekk:	Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istat Membru notifikanti. Il-Kummissjoni ***għandha*** toħroġ tali opinjoni jekk:

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jkun xieraq, l-opinjoni tal-Kummissjoni tista' tipproponi miżuri bl-għan li jtaffu l-effett x'aktarx negattiv tal-investiment fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istati Membri kollha jekk tqis li diversi investimenti barranin jew investimenti simili oħra li kieku kellhom isiru, meħuda flimkien, u b'kont meħud tal-karatteristiċi tagħhom jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Wara li tinħareġ opinjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ***tista'***, kif xieraq, tiddiskuti mal-Istati Membri ***kif għandhom*** jiġu indirizzati r-riskji identifikati.	3. Il-Kummissjoni ***għandha*** toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istati Membri kollha jekk tqis li diversi investimenti barranin jew investimenti simili oħra li kieku kellhom isiru, meħuda flimkien, u b'kont meħud tal-karatteristiċi tagħhom jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Wara li tinħareġ opinjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ***għandha***, kif xieraq, tiddiskuti mal-Istati Membri ***l-miżuri biex*** jiġu indirizzati r-riskji identifikati.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tibgħat opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 2 lill-Istati Membri kollha li pprovdew kummenti u jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra li nħarġet opinjoni ***permezz tas-***	(a) tibgħat opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 2 lill-Istati Membri kollha li pprovdew kummenti u jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra li nħarġet opinjoni;

sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4);

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tibgħat opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 3 lill-Istati Membri kollha ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)***.	(b) tibgħat opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 3 lill-Istati Membri kollha.

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istat Membru notifikanti jista' jistieden lill-Kummissjoni toħroġ opinjoni jew lil Stati Membri oħra jagħtu kummenti.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta Stat Membru ***fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew ikkompletat*** jirċievi kumment minn Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 1 jew opinjoni mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 jew 3, huwa	5. Meta Stat Membru ***ospitanti*** jirċievi kumment minn Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 1 jew opinjoni mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 jew 3, huwa għandu jagħti l-akbar kunsiderazzjoni lil tali kumment

għandu jagħti l-akbar kunsiderazzjoni lil tali kumment jew opinjoni.

jew opinjoni.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Wara li jirċievi kumment skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu jorganizza laqgħa ***mal-Istati*** Membri ***li taw kummenti*** sabiex jiddiskutu kif l-aħjar jiġu indirizzati r-riskji identifikati. Jekk l-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta*** ma jaqbilx mar-riskji identifikati jew, jekk applikabbli, mal-miżura proposta fil-kumment, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi. Meta l-kumment ***jikkonċerna*** tranżazzjoni multinazzjonali, l-Istati Membri l-oħra li nnotifikaw l-investiment barrani għandhom ukoll jiġu mistiedna biex jiddiskutu jekk l-eżiti maħsuba humiex kompatibbli ma' xulxin u, fejn applikabbli, jekk il-kundizzjonijiet maħsuba jkunux jistgħu jindirizzaw ir-riskji transfruntiera identifikati b'mod adegwat. ***Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna għal kwalunkwe laqgħa bħal din.***	6. Wara li jirċievi kumment skont il-paragrafu 1 ***jew opinjoni skont il-paragrafu 2***, ***l-Istat Membru ospitanti għandu jikkonsulta lill-Istati Membri li taw kummenti, meta applikabbli, u lill-Kummissjoni. Fil-qafas ta' dik il-konsultazzjoni,*** l-Istat Membru ***ospitanti*** għandu jorganizza laqgħa ***ma' dawk l-Istati*** Membri***, meta applikabbli, u mal-Kummissjoni*** sabiex jiddiskutu kif l-aħjar jiġu indirizzati r-riskji identifikati. Jekk l-Istat Membru ***ospitanti*** ma jaqbilx mar-riskji identifikati jew, jekk applikabbli, mal-miżura proposta fil-kumment ***jew fl-opinjoni***, l-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandu jkollhom l-għan li jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi. Meta l-kumment ***jew l-opinjoni jikkonċernaw*** tranżazzjoni multinazzjonali, l-Istati Membri l-oħra li nnotifikaw l-investiment barrani għandhom ukoll jiġu mistiedna ***għal dik il-laqgħa*** biex jiddiskutu jekk l-eżiti maħsuba humiex kompatibbli ma' xulxin u, fejn applikabbli, jekk il-kundizzjonijiet maħsuba jkunux jistgħu jindirizzaw ir-riskji transfruntiera identifikati b'mod adegwat.

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara li tasal opinjoni skont il-paragrafu 2 jew 3, il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 6 għandha tapplika mutatis mutandis.	***imħassar***

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Wara ***li jirċievi opinjoni skont il-paragrafu 2 jew 3***, l-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta, għandu***:	8. Wara ***l-laqgħa msemmija fil-paragrafu 6***, l-Istat Membru ***ospitanti għandu jibgħat lill-Istati Membri rispettivi u lill-Kummissjoni l-abbozz ta' deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu u jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub dwar***:

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinnotifika d-deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu lill-Istati Membri rispettivi u lill-Kummissjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 3 ijiem kalendarji wara li tkun intbagħtet lill-partijiet rispettivi għall-investiment barrani;	***imħassar***

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-punt sa fejn ikun ta l-akbar kunsiderazzjoni għall-kummenti tal-Istati Membri jew l-opinjoni tal-Kummissjoni; u

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) meta applikabbli, ir-raġuni għan-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-kummenti tal-Istati Membri jew mal-opinjoni tal-Kummissjoni.

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovsdi spjegazzjoni bil-miktub lill-Istati Membri rispettivi u lill-Kummissjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 7 ijiem kalendarji wara li tkun ġiet innotifikata d-deċiżjoni tal-iskrinjar skont il-paragrafu (a) dwar:	***imħassar***
(i) il-punt sa fejn ikun ta l-akbar kunsiderazzjoni għall-	

kummenti tal-Istati Membri jew l-opinjoni tal-Kummissjoni; jew

(ii) ir-raġuni għan-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-kummenti tal-Istati Membri jew mal-opinjoni tal-Kummissjoni.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Meta ***l-Istati Membri*** jew il-Kummissjoni ***jindikaw li d-deċiżjoni*** tal-iskrinjar ***imsemmija*** fil-paragrafu 8***, is-subparagrafu (a),*** ta' dan l-Artikolu ma ***tagħtix l-akbar kunsiderazzjoni għall-kummenti tagħhom ipprovduti skont il-paragrafu 1 jew l-opinjoni pprovduta skont il-paragrafu 2 jew 3, l-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta għandu jorganizza laqgħa biex jispjega l-ostakli li ltaqa' magħhom jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil u għandu jagħmel ħiltu biex jidentifika soluzzjonijiet, jekk tinqala' sitwazzjoni simili fil-futur***. ***Meta d-deċiżjoni tal-iskrinjar tikkonċerna notifika multinazzjonali***, ***l-Istati*** Membri l-oħra li ***nnotifikaw l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għandhom jiġu mistiedna wkoll***. Il-Kummissjoni ***għandha tiġi mistiedna għal kwalunkwe laqgħa organizzata*** skont ***dan il-paragrafu***.	9. Meta ***Stat Membru*** jew il-Kummissjoni ***jikkunsidraw li abbozz ta' deċiżjoni*** tal-iskrinjar ***imsemmi*** fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu***, li jawtorizza investiment barrani skont l-Artikolu 14(1), il-punt (a), jew l-Artikolu 14(2)*** ma ***jindirizzax jew ma jimmitigax b'mod xieraq ir-riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku, jistgħu jressqu oġġezzjoni debitament ġustifikata***. ***L-oġġezzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru ospitanti u***, meta applikabbli, ***lill-Istati*** Membri l-oħra li ***taw il-kummenti u lill-Kummissjoni***. ***L-Istat Membru ospitanti għandu jissospendi l-proċedura ta' skrinjar tiegħu sakemm*** il-Kummissjoni ***tkun adottat deċiżjoni*** skont ***il-paragrafi 9b u 9c ta' dan l-Artikolu***. ***L-Istat Membru ospitanti għandu jinforma lill-investitur barrani dwar is-sospensjoni.***

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jkunu qajmu oġġezzjoni skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 346(1), il-punt (a), tat-TFUE, l-Istat Membru ospitanti għandu jibgħat lill-Kummissjoni d-dokumenti u l-informazzjoni kollha li l-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu jkun ibbażat fuqhom. L-Istat Membru li qajjem oġġezzjoni skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu għandu jibgħat id-dokumenti u l-informazzjoni kollha li l-oġġezzjoni tkun ibbażata fuqhom.

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9b. Meta, filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13, id-dokumenti u l-informazzjoni riċevuti skont il-paragrafu 9a ta' dan l-Artikolu, kif ukoll meta applikabbli, il-kummenti pprovduti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-abbozz ta' deċiżjoni tal-iskrinjar, kif modifikat mill-Istat Membru ospitanti meta xieraq, jindirizza b'mod effettiv l-

	effett potenzjali tal-investiment barrani fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, għandha tiddeċiedi li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-iskrinjar mill-Istat Membru.

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9c. Meta l-Kummissjoni ssib li l-abbozz ta' deċiżjoni tal-iskrinjar tal-Istat Membru ospitanti msemmi fil-paragrafu 8 ma jimmitigax b'mod adegwat ir-riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku, għandha tadotta deċiżjoni biex:
	(a) tawtorizza l-investiment barrani soġġett għal miżuri ta' mitigazzjoni; jew
	(b) tipprojbixxi l-investiment barrani meta ssib li r-riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni.
	Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, għandha tkun ibbażata fuq riskji dokumentati u għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-investiment barrani.

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9d. Id-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 9b għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru ospitanti. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru ospitanti u għandha tinforma lill-Istati Membri li taw kummenti skont il-paragrafu 1.
	Id-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 9c għandhom jiġu indirizzati lill-investitur barrani. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru ospitanti u lill-Istati Membri li taw kummenti skont il-paragrafu 1 u għandha tinforma lill-entità fil-mira tal-Unjoni.

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9e. Meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skont il-paragrafu 9c, l-Istat Membru ospitanti għandu jittermina l-proċedura ta' skrinjar tiegħu u jinforma lill-investitur barrani b'dan.

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9f. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont il-paragrafu 9c, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-investitur barrani l-opportunità li jgħarraf il-fehmiet tiegħu b'mod effettiv.

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9g. Meta kumment skont il-paragrafu 1 jew opinjoni skont il-paragrafu 2 jew 3 jkunu nħarġu u l-Kummissjoni ma tkunx ħarġet deċiżjoni skont il-paragrafu 9c, l-Istat Membru ospitanti għandu jinnotifika d-deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu lill-Istati Membri li taw kummenti, meta applikabbli, u lill-Kummissjoni, u jibgħatha lill-partijiet rispettivi għall-investiment barrani.

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data sigura magħmula disponibbli għall-Istati Membri kollha b'informazzjoni dwar l-investimenti barranin ivvalutati mill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u l-eżitu tal-	***imħassar***

valutazzjonijiet skont il-mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar, inkluża informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-iskrinjar rilevanti. Il-Kummissjoni għandha ttella', f'dik il-bażi tad-data, l-informazzjoni li ilha għad-dispożizzjoni tagħha sa mit-12 ta' Ottubru 2020. Sa [d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom itellgħu, f'dik il-bażi tad-data, l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom dwar l-eżitu tal-proċedura rilevanti skont il-mekkaniżmi tal-iskrinjar tagħhom stess. Huma jistgħu jipprovdu wkoll spjegazzjonijiet addizzjonali.

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skadenzi u proċeduri ***għall-għoti ta' kummenti u opinjonijiet dwar investimenti barranin notifikati***	Skadenzi u proċeduri ***applikabbli għall-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u għad-deċiżjonijiet tal-Unjoni***

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru notifikanti ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)*** li huma jirriżervaw id-dritt tagħhom li jagħtu kummenti sa mhux aktar	(a) l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru notifikanti li huma jirriżervaw id-dritt tagħhom li jagħtu kummenti sa mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju wara li jirċievu n-notifika skont l-Artikolu 5;

tard minn 15-il jum kalendarju wara li jirċievu n-notifika skont l-Artikolu 5;

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru notifikanti ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)*** li hija tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni sa mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju wara li tirċievi n-notifika skont l-Artikolu 5.	(b) il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru notifikanti li hija tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni sa mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju wara li tirċievi n-notifika skont l-Artikolu 5.

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat mingħajr ma jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)*** sa mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompluta tal-investiment barrani;	(a) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat mingħajr ma jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti sa mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompluta tal-investiment barrani;

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni dwar investiment barrani notifikat mingħajr ma titlob informazzjoni addizzjonali mingħand l-Istat Membru notifikanti, l-opinjoni rispettiva għandha tiġi indirizzata lill-Istat Membru notifikanti ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)*** sa mhux aktar tard minn 45 jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompluta tal-investiment barrani;	(b) meta l-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni dwar investiment barrani notifikat mingħajr ma titlob informazzjoni addizzjonali mingħand l-Istat Membru notifikanti, l-opinjoni rispettiva għandha tiġi indirizzata lill-Istat Membru notifikanti sa mhux aktar tard minn 45 jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompluta tal-investiment barrani;

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat u jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)*** sa mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju wara l-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kompluta;	(c) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat u jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti sa mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju wara l-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kompluta;

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni u titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, l-opinjoni rispettiva għandha tingħata lill-Istat Membru notifikanti ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)*** sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara l-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kompluta.	(d) meta l-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni u titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, l-opinjoni rispettiva għandha tingħata lill-Istat Membru notifikanti sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara l-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kompluta.

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru notifikanti għandu jieħu d-deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu biss wara li jkunu għaddew l-iskadenzi msemmija fil-punti (a)-(d).	***imħassar***

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istat Membru notifikanti għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)*** dwar kwalunkwe informazzjoni jew ċirkostanza sostanzjali ġdida rilevanti għall-valutazzjoni ta' investiment barrani li jkun diġà ġie nnotifikat	4. L-Istat Membru notifikanti għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe informazzjoni jew ċirkostanza sostanzjali ġdida rilevanti għall-valutazzjoni ta' investiment barrani li jkun diġà ġie nnotifikat skont l-Artikolu 5. Jekk din l-informazzjoni ssir disponibbli

skont l-Artikolu 5. Jekk din l-informazzjoni ssir disponibbli qabel jagħlqu l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3, l-Istat Membru notifikanti, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom ***jagħmlu ħilithom biex*** b'mod reċiproku, jaqblu dwar estensjoni aċċettabbli tal-iskadenza. Jekk l-iskadenzi għall-valutazzjoni tan-notifika inizjali stabbiliti fil-paragrafu 3 ***ikunu*** għaddew, dawn għandhom jerġgħu jibdew skont l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3, ***il-punt*** (c) u (d).	qabel jagħlqu l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3, l-Istat Membru notifikanti, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom***,*** b'mod reċiproku, jaqblu dwar estensjoni aċċettabbli tal-iskadenza. Jekk l-iskadenzi għall-valutazzjoni tan-notifika inizjali stabbiliti fil-paragrafu 3 ***jkunu*** għaddew, dawn għandhom jerġgħu jibdew skont l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3, ***il-punti*** (c) u (d).

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istat Membru notifikanti għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kompluta mitluba mill-Kummissjoni jew minn Stati Membri oħra skont il-paragrafu 2 mingħajr dewmien żejjed ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)***. Meta l-Istat Membru notifikanti jipprovdi informazzjoni addizzjonali lil Stat Membru, tali informazzjoni addizzjonali għandha tintbagħat lill-Kummissjoni simultanjament.	5. L-Istat Membru notifikanti għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kompluta mitluba mill-Kummissjoni jew minn Stati Membri oħra skont il-paragrafu 2 mingħajr dewmien żejjed. Meta l-Istat Membru notifikanti jipprovdi informazzjoni addizzjonali lil Stat Membru, tali informazzjoni addizzjonali għandha tintbagħat lill-Kummissjoni simultanjament.

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-iskadenzi li ġejjin għandhom japplikaw għall-

	konsultazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(6) sa (9):
	(a) il-laqgħa msemmija fl-Artikolu 7(6) għandha ssir fi żmien 20 jum kalendarju wara li l-Istat Membru ospitanti jirċievi l-aħħar kumment jew opinjoni skont l-Artikolu 7, skont liema jiġi l-aħħar;
	(b) l-Istat Membru ospitanti għandu jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu skont l-Artikolu 7(8) fi żmien 10 ijiem kalendarji wara l-laqgħa msemmija fl-Artikolu 7(6);
	(c) l-oġġezzjoni minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(9) għandha titqajjem fi żmien 10 ijiem kalendarji wara r-riċevuta tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-iskrinjar skont l-Artikolu 7(8).

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. L-iskadenzi li ġejjin għandhom japplikaw għall-adozzjoni u n-notifika tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar dwar investimenti barranin notifikati:
	(a) l-Istat Membru notifikanti għandu jadotta d-deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu biss wara li jkunu għaddew l-iskadenzi msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;
	(b) meta la l-Istati Membri u lanqas il-Kummissjoni ma

	jkunu rriżervaw id-dritt li jagħtu kummenti jew opinjoni, rispettivament, sal-iskadenzi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru notifikanti għandu jadotta d-deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu fi żmien 60 jum kalendarju mid-data tan-notifika;
	(c) wara oġġezzjoni mqajma skont l-Artikolu 7(9), l-Istat Membru ospitanti u l-Istat Membru li qajjem l-oġġezzjoni għandhom jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(9a) fi żmien 5 ijiem kalendarji;
	(d) wara deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(9b), l-Istat Membru ospitanti għandu jadotta d-deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu fi żmien 15-il jum kalendarju min-notifika msemmija fl-Artikolu 7(9d);
	(e) in-notifika tad-deċiżjoni tal-iskrinjar skont l-Artikolu 7(9f) għandha ssir fi żmien 3 ijiem kalendarji.

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7c. L-iskadenzi li ġejjin għandhom japplikaw għall-adozzjoni u n-notifika tad-deċiżjonijiet mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(9b) u (9c):
	(a) il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha fi żmien 20 jum kalendarju wara li tirċievi l-informazzjoni

	kompluta msemmija fl-Artikolu 7(9a);
	(b) in-notifika skont l-Artikolu 7(9d) għandha ssir fi żmien 3 ijiem kalendarji.
	L-iskadenzi msemmija fil-paragrafu 7a, il-punti (a) u (b), fil-paragrafu 7b, il-punt (b), u fil-paragrafu 7c, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu estiżi sa massimu ta' 30 jum kalendarju b'kollox, meta applikabbli, biex l-Istat Membru ospitanti jew, meta rilevanti, il-Kummissjoni u l-investitur barrani jkunu jistgħu jaqblu dwar miżuri ta' mitigazzjoni. In-negozjar ta' miżuri ta' mitigazzjoni mill-Kummissjoni u l-investitur barrani għandu jsir b'kooperazzjoni mal-Istat Membru ospitanti.

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istat Membru notifikanti jqis li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu jeħtieġu l-ħruġ ta' deċiżjoni tal-iskrinjar qabel ma jagħlqu l-iskadenzi msemmija fil-paragrafu 3, huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu u jiġġustifika kif xieraq il-ħtieġa għal azzjoni immedjata. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu kummenti jew jagħtu opinjoni mingħajr dewmien. Din il-proċedura ma għandhiex tiġi	8. Meta, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istat Membru notifikanti jqis li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu jeħtieġu l-ħruġ ta' deċiżjoni tal-iskrinjar ***skont l-Artikolu 14(1)*** qabel ma jagħlqu l-iskadenzi msemmija fil-paragrafu 3, huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu u jiġġustifika kif xieraq il-ħtieġa għal azzjoni immedjata. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu kummenti jew jagħtu opinjoni mingħajr dewmien. Din il-

invokata biex isservi purament l-interessi kummerċjali tal-applikant li jitlob l-awtorizzazzjoni.	proċedura ma għandhiex tiġi invokata biex isservi purament l-interessi kummerċjali tal-applikant li jitlob l-awtorizzazzjoni.

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru ***li*** jqis li investiment barrani fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu***, jista' jiftaħ*** proċedura fuq inizjattiva proprja fir-rigward ta' dak l-investiment barrani. Qabel il-ftuħ tal-proċedura, l-Istat Membru ***għandu jivverifika*** li l-Istat Membru ***fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta*** ma għandux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.	1. ***Meta*** Stat Membru jqis li investiment barrani fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu ***jew meta l-Kummissjoni tqis li tali investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed jew il-proġetti jew il-programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku, l-Istat Membru jew il-Kummissjoni jistgħu jiftħu*** proċedura fuq inizjattiva proprja fir-rigward ta' dak l-investiment barrani. Qabel il-ftuħ tal-proċedura, l-Istat Membru ***jew il-Kummissjoni għandhom jivverifikaw*** li l-Istat Membru ***ospitanti*** ma għandux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jingħataw ***mill-inqas*** 15-il xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex jeżerċitaw id-dritt li jiftħu l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.	2. L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandhom jingħataw ***sa massimu ta'*** 15-il xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex jeżerċitaw id-dritt li jiftħu l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni tista' tiftaħ proċedura fuq inizjattiva proprja meta tqis li investiment barrani fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jaqa' taħt l-Artikolu 7(2). Qabel ma tiftaħ il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-Istat Membru fejn l-investiment ikun ippjanat jew tlesta ma jkollux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.	***imħassar***

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tingħata mill-inqas 15-il xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex teżerċita id-dritt li tiftaħ il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.	***imħassar***

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jiftħu l-proċedura fuq inizjattiva proprja ***stabbilita fil-paragrafi 1 u 3 rispettivament*** billi jibagħtu talba debitament motivata għal informazzjoni ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)*** lill-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta***. Kwalunkwe talba għal informazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni tagħti opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba u li ma tkunx ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru ***notifikanti***. Meta t-talba għall-informazzjoni tiġi ppreżentata minn Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jibgħat it-talba lill-Kummissjoni	5. L-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jiftħu l-proċedura fuq inizjattiva proprja billi jibagħtu talba debitament motivata għal informazzjoni lill-Istat Membru ***ospitanti***. Kwalunkwe talba għal informazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni tagħti opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba u li ma tkunx ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru ***ospitanti***. Meta t-talba għall-informazzjoni tiġi ppreżentata minn Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jibgħat it-talba lill-Kummissjoni simultanjament.

simultanjament.

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru ***fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta*** għandu jipprovdi l-informazzjoni kompluta mitluba mill-Istati Membri l-oħra jew mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 5 mingħajr dewmien żejjed ***permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4)***. Meta l-Istat Membru ***notifikanti*** jipprovdi informazzjoni ***addizzjonali*** lil Stat Membru, ***tali informazzjoni addizzjonali*** għandha tintbagħat lill-Kummissjoni simultanjament.	6. L-Istat Membru ***ospitanti*** għandu jipprovdi l-informazzjoni kompluta mitluba mill-Istati Membri l-oħra jew mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 5 mingħajr dewmien żejjed. Meta l-Istat Membru ***ospitanti*** jipprovdi ***tali*** informazzjoni lil Stat Membru, ***dik l-informazzjoni*** għandha tintbagħat lill-Kummissjoni simultanjament.

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara li tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kummenti u l-Kummissjoni tista' tipprovdi opinjoni lill-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta***. ***Ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7 u 8 għandhom japplikaw mutatis mutandis, soġġetti għall-modifiki li ġejjin:***	7. Wara li tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kummenti u l-Kummissjoni tista' tipprovdi opinjoni lill-Istat Membru ***ospitanti, mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li jirċievu l-informazzjoni kompluta mitluba skont il-paragrafu 5***. ***F'każijiet li fihom il-proċedura nbdiet minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tingħata 15-il jum kalendarju addizzjonali biex toħroġ l-opinjoni tagħha. L-***

	Istat Membru ospitanti għandu jagħti l-akbar kunsiderazzjoni tiegħu lil tali kumment jew opinjoni.

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kummenti mill-Istati Membri jew l-opinjoni mill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara li tasal l-informazzjoni kompluta mitluba skont il-paragrafu 5.	***imħassar***

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għall-proċeduri mibdija skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandu jkollha 15-il jum kalendarju addizzjonali biex tagħti opinjoni wara li tkun għaddiet l-iskadenza għall-Istat Membru stabbilita fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.	***imħassar***

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Wara li jirċievi kumment jew opinjoni skont il-paragrafu 7, l-Istat Membru ospitanti għandu jorganizza laqgħa mal-Istati Membri li taw kummenti, meta applikabbli, u mal-Kummissjoni biex jiddiskutu kif jindirizzaw ir-riskji identifikati b'mod effettiv. Jekk l-Istat Membru ospitanti ma jaqbilx mar-riskji identifikati jew, meta applikabbli, mal-miżuri proposti fil-kumment jew fl-opinjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandu jkollhom l-għan li jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi u jaqblu dwar azzjonijiet adatti biex jiġu ġestiti r-riskji inkwistjoni.

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Wara l-laqgħa msemmija fil-paragrafu 7a, l-Istat Membru ospitanti għandu jinforma lill-Kummissjoni u, meta applikabbli, lill-Istati Membri li taw kummenti, meta jkun biħsiebu jiskrinja l-investiment.

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7c. Meta l-Istat Membru ospitanti jiddeċiedi li ma jiskrinjax l-investiment barrani, għandu jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-kummenti ta' dawk l-Istati Membri jew mal-opinjoni tal-Kummissjoni.

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Setgħat Investigattivi tal-Kummissjoni
	1. Fuq talba debitament ġustifikata minn Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess meta jkun hemm bażi raġonevoli li jiġi ssuspettat li investiment barrani jaf jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed, u dment li l-Istat Membru ospitanti jkun ġie nnotifikat, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.
	2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-partijiet involuti f'investiment barrani jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa neċessarja biex jiġi vvalutat jekk l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa

b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Tista' titlob informazzjoni minn kwalunkwe entità jew persuna oħra li x'aktarx ikollha informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni ta' jekk investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, inklużi l-fornituri, il-kuntratturi, il-klijenti u l-esperti.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lil Stat Membru qabel ma tfittex tali informazzjoni fit-territorju tiegħu.

4. Talba għal informazzjoni skont il-paragrafu 2 għandha:

(a) tiddikjara l-bażi legali u l-iskop tagħha, tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa u tistabbilixxi limitu ta' żmien xieraq għall-forniment tagħha;

(b) tkun debitament ġustifikata u limitata għall-informazzjoni strettament meħtieġa għall-valutazzjoni tal-impatt potenzjali ta' tranżazzjoni fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku;

(c) tinkludi dikjarazzjoni li, jekk l-informazzjoni pprovduta tkun skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa, jistgħu jiġu imposti l-pagamenti perjodiċi ta' penali previsti fil-paragrafu 6;

(d) tinkludi dikjarazzjoni li nuqqas ta' kooperazzjoni jista' jippermetti lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni abbażi tal-fatti disponibbli lilha.

5. L-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 8(7a), il-punti (a) sa

(c), fl-Artikolu 8(7b), il-punt (b), u fl-Artikolu 8(7c), il-punt (a), jistgħu jiġu sospiżi għaż-żmien meħtieġ mill-Kummissjoni biex tikseb l-informazzjoni mitluba. Is-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data tat-talba tal-Kummissjoni għal informazzjoni u għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Kummissjoni tirċievi l-informazzjoni mitluba b'mod komplut. Is-sospensjoni ma għandhiex iddum iktar minn 30 jum kalendarju. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika minnufih lill-Istati Membri rilevanti kemm dwar is-sospensjoni kif ukoll dwar it-tneħħija tagħha.

6. Fil-każ ta' nuqqas mhux ġustifikat ta' konformità mat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' timponi, permezz ta' deċiżjoni:

(a) multi li ma jaqbżux 1 % tal-fatturat aggregat tal-parti jew l-entità kkonċernata fis-sena finanzjarja preċedenti; jew

(b) pagamenti perjodiċi ta' penali, meta tiġi pprovduta informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa, jew l-informazzjoni mitluba ma tingħatax sal-iskadenza speċifikata. Tali pagamenti perjodiċi ta' penali ma għandhomx jaqbżu 5 % tal-fatturat aggregat medju ta' kuljum tal-parti jew tal-entità kkonċernata fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull jum tax-xogħol ta' dewmien, ikkalkulat mid-data stabbilita fid-deċiżjoni,

	sakemm tinkiseb il-konformità.
	7. Qabel ma jiġu imposti pagamenti perjodiċi ta' penali, il-parti jew l-entità kkonċernata għandha tingħata l-opportunità li tinstema'. Meta tiddetermina l-ammont tal-multa jew tal-pagament perjodiku ta' penali, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' konformità, f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u l-adegwatezza.
	8. Meta tiddetermina l-ammont tal-multa jew tal-pagament perjodiku ta' penali, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' konformità, f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u l-adegwatezza.

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li*** l-informazzjoni ***pprovduta*** fin-notifika msemmija fl-Artikolu 5 u għat-talba għal informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(5) ***jinkludu***:	1. L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu, bħala minimu,*** l-informazzjoni ***li ġejja*** fin-notifika msemmija fl-Artikolu 5 u ***bi tweġiba*** għat-talba għal informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(5):

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-attivitajiet tal-investitur barrani, l-isem u l-indirizz tiegħu; ***kif ukoll***	(e) l-attivitajiet tal-investitur barrani, l-isem u l-indirizz tiegħu;

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) fejn applikabbli, ir-raġunijiet li jiġġustifikaw in-notifika, inkluż jekk tkunx ġietx issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet għan-notifika ta' investiment barrani msemmija fil-punti (i) sa (iii) tal-Artikolu 5(1), il-punt (b);

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) jekk l-entità fil-mira tal-Unjoni hijiex riċevitur ta' fondi kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (59), tar-Regolament (UE) 2024/2509, jew ta' kwalunkwe fond jew strument finanzjarju stabbilit jew ġestit mill-Unjoni; kif ukoll

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-Kummissjoni jew l-Istati Membri jitolbu informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 8(1) jew l-Artikolu 9(5) mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta, dak l-Istat Membru għandu jagħmel ħiltu biex jipprovdi tali informazzjoni, jekk disponibbli, lill-Istati Membri li qed jagħmu t-talba u lill-Kummissjoni.	***imħassar***

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn meħtieġ, l-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta*** jista' jitlob lill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni jew kwalunkwe impriża rilevanti oħra biex ***jipprovdi*** l-informazzjoni msemmija ***fil-paragrafi*** 1 u ***3***. It-talba għall-informazzjoni tista' tikkonċerna informazzjoni meħtieġa biex l-Istat Membru jiddetermina jekk kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) hijiex issodisfata. L-impriża kkonċernata għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta fi żmien 15-il jum kalendarju mit-talba.	4. Fejn meħtieġ, l-Istat Membru ***ospitanti*** jista' jitlob lill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni jew ***lil*** kwalunkwe impriża rilevanti oħra biex ***jipprovdu, fost oħrajn,*** l-informazzjoni msemmija ***fil-paragrafu*** 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 8(2). It-talba għall-informazzjoni tista' tikkonċerna informazzjoni meħtieġa biex l-Istat Membru jiddetermina jekk kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) hijiex issodisfata. L-impriża kkonċernata għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta fi żmien 15-il jum kalendarju mit-talba.

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta*** u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu lil Stati Membri oħra jfittxu informazzjoni mingħand impriżi fit-territorju tagħhom, dment li din l-informazzjoni tkun rilevanti u strettament meħtieġa għall-valutazzjoni ta' investiment barrani skont l-Artikolu 13. L-Istat Membru li jirċievi t-talba biex ifittex informazzjoni għandu, mingħajr dewmien, jitlob lill-impriża tipprovdi dik l-informazzjoni u għandu jinnotifikaha lill-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta*** u lill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura stabbilita ***fl-Artikoli 8(2)*** u 9(6) kif applikabbli.	5. L-Istat Membru ***ospitanti*** u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu lil Stati Membri oħra jfittxu informazzjoni mingħand impriżi fit-territorju tagħhom, dment li din l-informazzjoni tkun rilevanti u strettament meħtieġa għall-valutazzjoni ta' investiment barrani skont l-Artikolu 13. L-Istat Membru li jirċievi t-talba biex ifittex informazzjoni għandu, mingħajr dewmien, jitlob lill-impriża tipprovdi dik l-informazzjoni u għandu jinnotifikaha lill-Istat Membru ***ospitanti*** u lill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura stabbilita ***fl-Artikolu*** 8(5) u ***fl-Artikolu*** 9(6) kif applikabbli.

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati jekk, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ma jkunx jista', minkejja l-aħjar sforzi tiegħu, jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi ***3,*** 4 jew 5. Dak l-Istat Membru għandu jispjega kif xieraq ir-raġunijiet għaliex ma jkunx jista' jipprovdi l-informazzjoni.	6. Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati jekk, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ma jkunx jista', minkejja l-aħjar sforzi tiegħu, jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 4 jew 5 ***ta' dan l-Artikolu, fl-Artikolu 8(2) jew fl-Artikolu 9(5)***. Dak l-Istat Membru għandu jispjega kif xieraq ir-raġunijiet għaliex ma

	jkunx jista’ jipprovdi l-informazzjoni.

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-riżorsi***, il-mezzi*** legali u amministrattivi meħtieġa ***għall-parteċipazzjoni*** effiċjenti u effettiva tagħhom fil-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-riżorsi ***u l-mezzi*** legali u amministrattivi meħtieġa ***biex iwettqu, b’mod effettiv u effiċjenti, il-kompiti assenjati lilhom biex jissodisfaw l-objettivi ta’ dan ir-Regolament, inkluża l-parteċipazzjoni*** effiċjenti u effettiva tagħhom fil-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni.

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-Istati*** Membri għandhom ***jiżguraw li l-mekkaniżmi tal-iskrinjar tagħhom*** jagħtu biżżejjed ***żmien u*** mezzi biex jivvalutaw ***u jagħtu l-akbar kunsiderazzjoni lill-kummenti*** ta’ Stati Membri oħra u l-opinjonijiet tal-Kummissjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni tal-iskrinjar. Dan jinkludi li jkollhom ***l-mezzi*** u s-setgħat legali kollha meħtieġa biex jikkunsidraw it-tħassib espress jew l-impatti probabbli identifikati minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-iskrinjar tagħha jew fi kwalunkwe strument rilevanti ieħor għad-	4. ***Il-mekkaniżmi ta’ skrinjar tal-Istati*** Membri għandhom jagħtu biżżejjed mezzi biex jivvalutaw ***il-kummenti*** ta’ Stati Membri oħra u l-opinjonijiet tal-Kummissjoni***, u jagħtuhom l-akbar kunsiderazzjoni,*** qabel ma tittieħed deċiżjoni tal-iskrinjar. Dan jinkludi li jkollhom ***il-mezzi*** u s-setgħat legali kollha meħtieġa biex jikkunsidraw it-tħassib espress jew l-impatti probabbli identifikati minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-iskrinjar tagħha jew fi kwalunkwe strument rilevanti ieħor għad-dispożizzjoni tagħha.

dispożizzjoni tagħha. ***Meta investiment barrani jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra skont l-Artikolu 5, il-mekkaniżmi tal-iskrinjar ma għandhomx jippermettu lill-Istati Membri jieħdu d-deċiżjoni tal-iskrinjar tagħhom qabel ma jagħlqu l-iskadenzi għall-kummenti mill-Istati Membri u l-opinjonijiet tal-Kummissjoni stabbiliti fl-Artikolu 8(3).***

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet nazzjonali tagħhom jippermettu konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7***, il-paragrafi minn 5 sa 9***.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet nazzjonali tagħhom jippermettu konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7.

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta l-miżuri ta' mitigazzjoni f'deċiżjoni tal-iskrinjar jirrikjedu konformità mill-impriżi stabbiliti ***fi Stati Membri oħra***, l-Istati Membri ***li jkunu adottaw deċiżjoni tal-iskrinjar*** għandhom jikkooperaw ***mal-Istat Membru l-ieħor jew mal-Istati Membri kkonċernati*** dwar il-monitoraġġ u l-infurzar tad-deċiżjoni tal-iskrinjar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom il-mezzi legali u s-	7. Meta l-miżuri ta' mitigazzjoni f'deċiżjoni tal-iskrinjar jirrikjedu konformità mill-impriżi stabbiliti ***f'aktar minn Stat Membru wieħed***, l-Istati Membri ***kkonċernati*** għandhom jikkooperaw ***ma' xulxin*** dwar il-monitoraġġ u l-infurzar tad-deċiżjoni tal-iskrinjar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom il-mezzi legali u s-setgħat kollha meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv il-

setgħat kollha meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni previsti f'deċiżjoni tal-iskrinjar.	konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni previsti f'deċiżjoni tal-iskrinjar ***ta' Stat Membru ieħor jew tal-Kummissjoni***.

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Meta, wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-iskrinjar, Stat Membru ospitanti jimponi penali f'konformità mal-Artikolu 4(2), il-punt (ha), għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li pprovdew kummenti dwar it-tranżazzjoni fi żmien raġonevoli.

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni li tasal f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 5, 7 ***u*** 9 għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun intalbet, sakemm:	1. L-informazzjoni li tasal f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 5, 7***,*** 9 ***u 9a*** għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun intalbet, sakemm:

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-Qorti tal-Ġustizzja tal-	(b) il-Qorti tal-Ġustizzja tal-

Unjoni Ewropea jew qorti tal-Istat Membru ***fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta*** titlob tali informazzjoni għall-fini ta' proċedimenti legali.	Unjoni Ewropea jew qorti tal-Istat Membru ***ospitanti*** titlob tali informazzjoni għall-fini ta' proċedimenti legali.

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi sistema sigura u kriptata biex tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt.	***imħassar***

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Sistema sigura u kriptata u portal uniku
	1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornata sistema sigura u kriptata sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt. Il-komunikazzjonijiet kollha bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, inklużi notifiki skont l-Artikolu 5 kif ukoll kummenti u opinjonijiet skont l-Artikolu 7, għandhom jiġu trażmessi esklużivament permezz ta' dik is-sistema sigura u kriptata.

2. Bħala parti mis-sistema sigura u kriptata, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi portal uniku online għall-preżentazzjoni elettronika ta' investimenti barranin mal-awtoritajiet tal-iskrinjar. Dak il-portal uniku għandu jkun operattiv sa mhux aktar tard minn... [sitt xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Għandu jservi bħala l-punt tad-dħul għall-iskrinjar tal-investimenti barranin. L-Istati Membri għandhom jużaw il-portal uniku biex jirċievu preżentazzjonijiet u għal komunikazzjonijiet oħra mal-applikanti.

3. L-applikanti u r-rappreżentanti legali tagħhom għandhom jissottomettu preżentazzjonijiet permezz ta' formola online disponibbli fuq il-portal uniku stabbilit skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-formola għandha tinkludi l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 10(1).

4. Meta jissottomettu preżentazzjoni, l-applikanti għandhom jagħżlu l-Istati Membri li lilhom għandha tiġi trażmessa l-preżentazzjoni. Il-komunikazzjonijiet sussegwenti bejn l-Istat Membru riċevitur u l-applikanti għandhom isiru permezz tal-portal uniku sakemm titlesta t-talba għal awtorizzazzjoni.

5. L-informazzjoni kollha trażmessa permezz tal-portal uniku għandha tkun disponibbli biss għar-riċevitur

deżinjat.

6. Sa… [sitt xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 21, tadotta miżuri li jistabbilixxu l-modalitajiet għall-funzjonament tal-portal uniku u s-sistema sigura u kriptata prevista f'dan l-Artikolu.

7. Bħala parti mis-sistema sigura u kriptata, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data sigura, li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha, bl-informazzjoni skambjata dwar l-investimenti barranin ivvalutati mill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, inklużi l-partijiet involuti, il-kummenti u l-opinjonijiet maħruġa u l-eżitu tal-valutazzjonijiet fl-ambitu tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar, inkluża l-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-iskrinjar rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dik il-bażi tad-data sigura sa mhux aktar tard minn… [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u ttella', f'dik il-bażi tad-data, l-informazzjoni li tkun ilha għad-dispożizzjoni tagħha sa mit-12 ta' Ottubru 2020. Sa … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom itellgħu, f'dik il-bażi tad-data, l-informazzjoni li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom dwar l-eżitu tal-proċedura

	rilevanti skont il-mekkaniżmi ta' skrinjar rispettivi tagħhom. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jipprovdu wkoll informazzjoni jew spjegazzjonijiet addizzjonali, inkluża intelligence kummerċjali rilevanti li jkunu akkwistaw u vverifikaw mingħand bejjiegħa kummerċjali.

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 12b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12b
	Kapaċità ta' intelligence kummerċjali
	Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa kapaċità ta' intelligence kummerċjali biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-iskrinjar tal-Istati Membri ħalli jidentifikaw ir-riskji potenzjali għas-sigurtà u l-ordni pubbliku relatati mal-investimenti barranin, tiżviluppa valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati u, f'konsultazzjoni mal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-iskrinjar tal-investimenti barranin, tappoġġa programm tal-Unjoni għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-investiment diretti barranin biex jidentifika u jippromwovi l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda, u toffri programmi ta' taħriġ komuni għall-uffiċjali tal-Istati Membri.

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, għall-fini li tagħti opinjoni debitament motivata skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), jekk tqisx li investiment barrani ikunx probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.	2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, għall-fini li tagħti opinjoni debitament motivata skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), ***jew deċiżjoni skont l-Artikolu 7(9b) jew (9c),*** jekk tqisx li investiment barrani ikunx probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jiddeterminaw jekk investiment huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari jekk l-investiment ikkonċernat huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv:	3. Meta jiddeterminaw jekk investiment ***barrani*** huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari jekk l-investiment ikkonċernat huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv:

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-sigurtà, l-integrità ***u l-funzjonament*** tal-infrastruttura kritika, kemm fiżika kif ukoll virtwali; f'dak il-kuntest, abbażi	(a) is-sigurtà, l-integrità***, il-funzjonament u r-reżiljenza*** tal-infrastruttura kritika***, inklużi l-art u l-proprjetà kritiċi għall-***

tal-informazzjoni disponibbli, għandu jiġi vvalutat ukoll jekk l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv ir-reżiljenza ta' kwalunkwe waħda mill-entitajiet kritiċi li jkunu identifikaw skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] kif ukoll l-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21]. Għandhom jitqiesu wkoll ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati fil-livell tal-Unjoni ***tal-ktajjen*** tal-provvista kritiċi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555**.** ; ;

użu ta' tali infrastruttura kritika, kemm fiżika kif ukoll virtwali; f'dak il-kuntest, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, għandu jiġi vvalutat ukoll jekk l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv ir-reżiljenza ta' kwalunkwe waħda mill-entitajiet kritiċi li jkunu identifikaw skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] kif ukoll l-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21]. Għandhom jitqiesu wkoll ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati fil-livell tal-Unjoni***, inklużi dawk li jirrigwardaw il-ktajjen*** tal-provvista kritiċi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555***, li jkopru fatturi ta' riskju kemm tekniċi kif ukoll mhux tekniċi***;

---

[20] Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164–198, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj).

[21] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80–152, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/

---

[20] Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164–198, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj).

[21] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80–152, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/

2555/oj).	2555/oj).

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) is-sigurtà ta' faċilitajiet militari u ta' faċilitajiet pubbliċi sensittivi oħra fil-prossimità ġeografika immedjata tal-entità fil-mira tal-Unjoni;

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) is-sigurtà, l-integrità, il-funzjonament, l-istabbiltà operattiva u r-reżiljenza tas-suq intern;

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-disponibbiltà ta' teknoloġiji kritiċi;	(b) id-disponibbiltà ***u l-adozzjoni*** ta' teknoloġiji kritiċi***, is-sigurtà tat-teknoloġija u l-ħrib tat-teknoloġija***;

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-kontinwità*** tal-provvista ***ta'*** inputs kritiċi;	(c) ***is-sigurtà u r-reżiljenza tal-ktajjen*** tal-provvista ***għal*** inputs kritiċi;

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) is-sigurtà tal-ikel;

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-kapaċità li jiġu evitati u indirizzati dipendenzi strateġiċi;

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) il-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-Unjoni;

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cd) il-forniment ta' servizzi essenzjali u servizzi ta' interess ġenerali;

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, inkluża data personali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-investitur barrani li jaċċessa, jikkontrolla, u b'xi mod ieħor jipproċessa tali ***data personali***; ***jew***	(d) il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, inkluża data personali ***kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2016/679[1a]***, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-investitur barrani li jaċċessa, jikkontrolla, u b'xi mod ieħor jipproċessa tali ***informazzjoni***;
	_____
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, l-għarfien jew assi intanġibbli oħra;

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, inklużi l-pjattaformi online li jistgħu jintużaw għal diżinformazzjoni fuq skala kbira jew għal attivitajiet kriminali***.**	(e) il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, inklużi l-pjattaformi online ***u tal-media soċjali*** li jistgħu jintużaw għal diżinformazzjoni fuq skala kbira jew għal attivitajiet kriminali***, id-drittijiet fundamentali, id-diskors ċiviku u l-proċessi elettorali, kif ukoll in-newtralità, l-oġġettività u l-pluraliżmu tal-edukazzjoni; jew***

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-probabbiltà ta' koerċizzjoni ekonomika minn pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2023/2675[1a].
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2023/2675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-

protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi (ĠU L, 2023/2675, 7.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2675/oj).

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) jekk l-investitur barrani jew is-sussidjarja ta' investitur barrani fl-Unjoni jkunux direttament jew indirettament ikkontrollati mill-gvern, inklużi korpi tal-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali jew forzi armati, ta' pajjiż terz, inkluż permezz ta' struttura ta' sjieda, finanzjament sinifikanti, drittijiet speċjali jew diretturi jew maniġers maħtura mill-Istat, jew karatteristiċi oħra bl-għan li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-maniġment, bħall-azzjonijiet tad-deheb;

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe sussidjarja tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra proprjetà	(a) jekk l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe sussidjarja tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra proprjetà

ta’ jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f’isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani kinitx involuta f’investiment barrani preċedentement skrinjat minn Stat Membru u li ma kienx awtorizzat jew kien awtorizzat biss b’kundizzjonijiet; biex jiddeterminaw dan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom joqogħdu fuq l-informazzjoni disponibbli għalihom, inkluża l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data sigura stabbilita skont l-Artikolu ***7(10)***;	ta’ jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f’isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani kinitx involuta f’investiment barrani preċedentement skrinjat minn Stat Membru ***jew, fejn ikun disponibbli, minn pajjiż terz li għandu mekkaniżmu ta’ skrinjar ta’ investiment dirett barrani stabbilit, li miegħu l-Unjoni tikkoopera fi kwistjonijiet ta’ skrinjar tal-investiment*** u li ma kienx awtorizzat jew kien awtorizzat biss b’kundizzjonijiet; biex jiddeterminaw dan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom joqogħdu fuq l-informazzjoni disponibbli għalihom, inkluża l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data sigura stabbilita skont l-Artikolu ***12a*** (***6a***);

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jekk l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu kinux involuti f’attivitajiet illegali jew kriminali, ***inkluża*** ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 TFUE;	(d) jekk l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu kinux involuti f’attivitajiet illegali jew kriminali, ***inklużi l-ħasil tal-flus u*** ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 TFUE;

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk ikunx hemm ***il-***	(e) jekk ikunx hemm ***il-***

probabilità li***,*** l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra li tkun proprjetà ta’ jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f’isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani, issegwi l-objettivi ta’ politika ta’ pajjiż terz, jew tiffaċilita l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari ta’ pajjiż terz***.***	***probabbiltà*** li l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra li tkun proprjetà ta’ jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f’isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani, issegwi l-objettivi ta’ politika ta’ pajjiż terz, ***tappoġġa riskji ta’ ksur tad-dritt internazzjonali minn pajjiż terz,*** jew tiffaċilita l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari ta’ pajjiż terz***;***

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jekk l-investitur barrani huwiex stabbilit f’pajjiż terz soġġett għal miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE, f’ġuriżdizzjoni identifikata bħala pajjiż terz b’nuqqasijiet strateġiċi sinifikanti fir-reġim nazzjonali tal-AML/CFT tiegħu f’konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew f’pajjiż li jsegwi strateġija aggressiva ta’ fużjoni ċivili-militari;

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) jekk l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu humiex stabbiliti f'pajjiż terz li l-leġiżlazzjoni tiegħu tippermetti aċċess arbitrarju għal operazzjonijiet jew data tal-kumpanija, inkluża informazzjoni kummerċjalment sensittiva, u timponi obbligi fuq il-kumpaniji li jikkondividu l-informazzjoni għal skopijiet ta' intelligence mingħajr sistema ta' kontrokontrolli demokratiċi, mekkaniżmi ta' sorveljanza, proċess ġust, jew id-dritt ta' appell quddiem qorti jew tribunal indipendenti.

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli formola ta' evalwazzjoni tar-riskju li tkun tista' tintuża mill-Istati Membri biex jivvalutaw l-elementi msemmija fil-paragrafi 3 u 4.

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-Kummissjoni tista'

	twettaq valutazzjoni tar-riskju relatata ma' settur speċifiku, teknoloġija kritika, investituri barranin jew impriżi tal-Unjoni biex tinforma d-deċiżjonijiet tal-iskrinjar tal-Istati Membri. Dik il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiġi magħmula disponibbli fil-bażi tad-data sigura stabbilita skont l-Artikolu 12a(6a) u għandha titqies mill-Istati Membri meta jiġi ddeterminat jekk investiment x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Deċiżjonijiet tal-iskrinjar dwar investimenti barranin ***li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku***	Deċiżjonijiet tal-iskrinjar dwar investimenti barranin

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13, u fejn applikabbli, fid-dawl tal-kummenti pprovduti minn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), jew opinjoni pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), l-Istat Membru ***li fih l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta*** jikkonkludi li	Meta, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13, u fejn applikabbli, fid-dawl tal-kummenti pprovduti minn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), jew opinjoni pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), ***u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta***

l-investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar, inkluż fejn ikun ikkonċernat proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni, huwa għandu joħroġ deċiżjoni tal-iskrinjar biex:	***deċiżjoni skont l-Artikolu 7(9c),*** l-Istat Membru ***ospitanti*** jikkonkludi li l-investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar, inkluż fejn ikun ikkonċernat proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni, huwa għandu joħroġ deċiżjoni tal-iskrinjar biex:

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjoni tal-iskrinjar għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-investiment barrani.	Id-deċiżjoni tal-iskrinjar għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità***, tkun ibbażata fuq riskji dokumentati*** u tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-investiment barrani.

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-Istat Membru ***fejn*** l-investiment barrani ***huwa ppjanat jew tlesta jqis*** li miżuri oħra skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali huma disponibbli u xierqa biex jindirizzaw l-effett tal-investiment barrani fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, l-investiment barrani għandu jiġi awtorizzat mingħajr kundizzjonijiet.	2. Meta l-Istat Membru ***ospitanti jikkonkludi li*** l-investiment barrani ***x'aktarx li ma jaffettwax b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku jew iqis*** li miżuri oħra skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali huma disponibbli u xierqa biex jindirizzaw ***b'mod effettiv*** l-effett tal-investiment barrani fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, ***u bl-eċċezzjoni tal-każijiet fejn il-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu***

	7(9c), l-investiment barrani għandu jiġi awtorizzat mingħajr kundizzjonijiet.

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-miżuri ta' mitigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom ikunu biżżejjed biex jindirizzaw l-effett tal-investiment barrani fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku u għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu:
	(a) bidliet fl-istruttura ta' governanza proposta tal-entità fil-mira;
	(b) modifiki fid-drittijiet tal-vot mogħtija lill-investitur;
	(c) il-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat għal teknoloġiji jew informazzjoni sensittivi;
	(d) impenji mill-investitur biex jiżgura provvista speċifika u/jew provvista lil klijent speċifiku;
	(e) impenji mill-investitur biex iżomm jew joħloq valur miżjud lokali;
	(f) impenji mill-investitur biex jindirizza r-riskju ta' dipendenza, inkluż it-trasferiment ta' teknoloġiji u għarfien prattiku;
	(g) miżuri maħsuba biex jiżguraw il-kontinwità tal-attività kummerċjali;

(h) rekwiżiti biex komponenti kritiċi jinġiebu minn fornituri siguri u affidabbli;

(i) l-implimentazzjoni ta' protokolli taċ-ċibersigurtà għall-protezzjoni minn theddid potenzjali;

(j) rekwiżit biex l-investitur barrani jistabbilixxi impriża konġunta ma' impriża tal-Unjoni;

(k) obbligu li tinħażen u tiġi pproċessata data speċifika fi ħdan l-Unjoni.

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Grupp ta' esperti dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni
	1. Il-grupp ta' esperti dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni, li jipprovdi pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni, għandu jkompli jinvolvi ruħu fid-diskussjonijiet dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin. Għandu jikkondividi l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda u jagħmel skambju ta' fehmiet dwar xejriet emerġenti u kwistjonijiet ta' tħassib komuni relatati mal-investimenti diretti barranin. Il-Kummissjoni għandha wkoll titlob il-parir ta' dak il-grupp dwar kwistjonijiet sistemiċi li

	jirrigwardaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak il-grupp għandu jiltaqa' fuq bażi regolari biex jiżgura djalogu kontinwu u tagħlim reċiproku.
	2. Id-diskussjonijiet f'dak il-grupp għandhom jinżammu kunfidenzjali.

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 14b
	Rekwiżiti ta' trasparenza pubblika
	1. Sa... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta':
	(a) il-kriterji biex jiġi ddeterminat jekk investiment jippermettix parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni skont l-Artikolu 2, il-punt (1);
	(b) il-kriterji biex jiġi ddeterminat jekk impriża hijiex parti minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni jew tipparteċipax fih skont l-Artikolu 4(4), il-punt (a);
	(c) il-kriterji biex jiġi ddeterminat jekk impriża hijiex ekonomikament attiva f'wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II skont l-Artikolu 2, il-punt (9);

(d) il-kriterji biex jiġu vvalutati r-riskji potenzjali għas-sigurtà u l-ordni pubbliku, inklużi r-riskji transfruntiera u dawk maħluqa minn investimenti greenfield, kif stabbilit fl-Artikolu 13.

Qabel ma toħroġ il-linji gwida msemmija fl-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni għandha taġġorna dawk il-linji gwida regolarment fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-mekkaniżmi kollha ta' skrinjar stabbiliti mill-Istati Membri. Dik il-lista għandu jkun fiha informazzjoni fil-qosor dwar il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv u dwar ir-regoli proċedurali rilevanti ta' kull mekkaniżmu ta' skrinjar. Għandu jkun fiha wkoll link għall-gwida tal-awtoritajiet tal-iskrinjar imsemmija fil-paragrafu 3 u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt ikkonċernat. Il-Kummissjoni għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

3. Sabiex itejbu t-trasparenza u l-prevedibbiltà, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw u b'mod regolari jaġġornaw gwida dettaljata dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom, il-limiti u l-iskattaturi għall-obbligi ta' notifika, il-kriterji użati biex jiġi vvalutat jekk investiment

	x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, il-kriterji biex tinfetaħ investigazzjoni fil-fond, u l-iskedi ta' żmien u r-regoli proċedurali applikabbli.

Emenda 200

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar tal-investimenti għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku.	L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiżi terzi ***u jinvolvu ruħhom permezz ta' pjattaformi bilaterali u multilaterali*** dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar tal-investimenti għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku. ***Dik il-kooperazzjoni tista' tinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, kif ukoll appoġġ tekniku u għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Fil-kuntest ta' dik il-kooperazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' skrinjar tal-investiment minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk li huma kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni u pajjiżi fil-viċinat tal-Unjoni.***

Emenda 201

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena li tibda fi [żid id-data: l-	1. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena li tibda fi [żid id-data: l-

ewwel sena tal-applikazzjoni], l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, fuq bażi kunfidenzjali, dwar l-attivitajiet tagħhom skont il-mekkaniżmu ***tal-iskrinjar*** tagħhom u skont il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għas-sena kalendarja preċedenti. Dan ir-rapport għandu jkun fih ***l-informazzjoni dwar***:	ewwel sena tal-applikazzjoni], l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, fuq bażi kunfidenzjali, dwar l-attivitajiet tagħhom skont il-mekkaniżmu ***ta' skrinjar*** tagħhom u skont il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għas-sena kalendarja preċedenti. Dan ir-rapport għandu jkun fih:

Emenda 202

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd ta' investimenti barranin ipprojbiti, l-għadd ta' investimenti barranin irtirati;	(c) l-għadd ta' investimenti barranin ipprojbiti, l-għadd ta' investimenti barranin irtirati ***jew stralċjati***;

Emenda 203

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) informazzjoni dwar l-oriġini tal-investituri barranin u s-settur tal-attività tal-entità fil-mira tal-Unjoni tal-investimenti barranin skrinjati, awtorizzati ***jew*** ipprojbiti;	(e) informazzjoni dwar l-oriġini tal-investituri barranin u s-settur tal-attività tal-entità fil-mira tal-Unjoni tal-investimenti barranin skrinjati, awtorizzati ***mingħajr kundizzjonijiet, awtorizzati b'kundizzjonijiet, u investimenti barranin*** ipprojbiti***, rispettivament***;

Emenda 204

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-tul ta' żmien medju tal-proċeduri ta' skrinjar tal-investimenti;

Emenda 205

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***preżentazzjoni aggregata*** tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet identifikati fl-investimenti barranin li wasslu għal deċiżjoni tal-iskrinjar;	(f) ***deskrizzjoni*** tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet identifikati fl-investimenti barranin li wasslu għal deċiżjoni tal-iskrinjar;

Emenda 206

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-għadd ta' proċeduri fuq inizjattiva proprja miftuħa skont l-Artikolu 9(1) u l-għadd ta' każijiet fejn dawn irriżultaw fil-ftuħ ta' proċedura ta' skrinjar mill-Istat Membru ospitanti.

Emenda 207

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sa... [l-1 ta' Jannar tal-ewwel sena tal-applikazzjoni], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta'

	implimentazzjoni skont l-Artikolu 21 li jistabbilixxi l-formola li għandha tintuża għar-rapportar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 208

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Abbażi tal-informazzjoni li tkun ***wasslet*** f'konformità mal-paragrafu 1, u ***abbażi tal-valutazzjoni*** tagħha tax-xejriet u l-iżviluppi, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku.	2. Abbażi tal-informazzjoni li tkun ***waslet*** f'konformità mal-paragrafu 1, ***il-prattika tal-implimentazzjoni tagħha,*** u ***l-valutazzjoni*** tagħha tax-xejriet u l-iżviluppi, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***sat-30 ta' Settembru ta' kull sena li tibda fi ... [l-ewwel sena li fiha japplika dan ir-Regolament]***. Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku.

Emenda 209

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni għandu jinkludi ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal kull Stat Membru, valutazzjoni tax-xejriet u ċ-ċifri dwar l-investimenti barranin fl-Unjoni, l-iżviluppi leġiżlattivi rilevanti fl-Istati Membri

kollha, l-isforzi ta' kooperazzjoni internazzjonali, it-tagħlimiet meħuda, u l-aħjar prattiki biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 210

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan ***l-eżerċizzju,*** u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni ***b'informazzjoni*** addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.	1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***3*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan ***il-proċess ta' evalwazzjoni*** u***,*** jekk ikun meħtieġ***,*** jipprovdu lill-Kummissjoni ***informazzjoni*** addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. ***Dak ir-rapport għandu jinkludi analiżi tal-evoluzzjoni tal-investimenti barranin fl-Unjoni kif ukoll valutazzjoni tal-kontribut ta' dan ir-Regolament għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni. Għandu jinkludi valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4) u (4a) għandhomx jiġu emendati sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investimenti barranin, filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(3) u (4), inkluża s-sigurtà ta' faċilitajiet militari u ta' faċilitajiet pubbliċi sensittivi oħra. Ir-rapport għandu jivvaluta wkoll il-kostijiet ta' konformità li***

jiffaċċjaw in-negozji.

Emenda 211

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II sabiex jitqiesu l-bidliet fiċ-ċirkostanzi rilevanti għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej:	2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista tat-teknoloġiji, ***il-materjali,*** l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II sabiex jitqiesu l-bidliet fiċ-ċirkostanzi rilevanti għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej:

Emenda 212

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti mwettqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri skont l-Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika tal-Unjoni;

Emenda 213

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-ewwel wieħed mill-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi adottat sa... [9 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] bil-għan li l-Anness II jiġi emendat biex jispeċifika aktar il-lista tat-teknoloġiji, il-materjali, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Emenda 214

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ***tal-att leġiżlattiv bażiku***].	2. Is-setgħa li tadotta atti delegati ***msemmija fl-Artikolu 19*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem***

	ta' kull perjodu.

Emenda 215

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formoli li għandhom jintużaw biex tiġi pprovduta l-informazzjoni indikata fl-Artikolu 10(1).	***imħassar***

Emenda 216

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija ***fil-paragrafu 1*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).	2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija ***fl-Artikolu 10(2), fl-Artikolu 12a(3), fl-Artikolu 12a(6) u fl-Artikolu 16(1a)*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).

Emenda 217

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament (UE) 2019/452 ***jitħassar*** b'effett minn [***data: 15-il*** xahar ***wara d-dħul*** fis-seħħ].	Ir-Regolament (UE) 2019/452 ***huwa mħassar*** b'effett minn ***...*** [***12-il*** xahar ***mid-data tad-dħul*** fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***].

Emenda 218

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan għandu japplika minn [***data: 15-il*** xahar ***wara d-dħul*** fis-seħħ].	Dan għandu japplika minn ***...*** [***12-il*** xahar ***mid-data tad-dħul*** fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***].

Emenda 219

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Madankollu, l-Artikolu 19(2) u (2a) għandu japplika minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	Dan ir-Regolament għandu japplika indipendentement minn jekk il-portal uniku msemmi fl-Artikolu 12a(2) huwiex operattiv.

Emenda 220

Proposta għal regolament
Anness I – punt 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament (UE) ***Nru 1315/2013*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-11 ta' Diċembru 2013*** dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar ***id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1***, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2013/1315/oj)***.	Ir-Regolament (UE) ***2024/1679*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tat-13 ta' Ġunju 2024*** dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport***, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010*** u li jħassar ***ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ĠU L 2024/1679, 28.6.2024***, ELI:. http://data.europa.***eu/eli/reg/202***

4/1679/oj).

Emenda 221

Proposta għal regolament
Anness I – punt 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	17a. Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP)
	[Ir-referenza għandha tiżdied ladarba r-Regolament ikun ġie adottat.]

Emenda 222

Proposta għal regolament
Anness I – punt 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	20a. Proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku
	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1041 tat-28 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku (ĠU L, 2024/1041, 8.4.2024, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1041/oj).

Emenda 223

Proposta għal regolament
Anness II – subintestatura 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni	Lista tat-teknoloġiji, ***il-materjali,*** l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni

Emenda 224

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. Teknoloġiji ***avvanzati*** tas-semikondutturi:	a. Teknoloġiji tas-semikondutturi:

Emenda 225

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– mikroelettronika, inklużi proċessuri	***– id-disinn ta' ċirkwiti integrati u semikondutturi oħra, inklużi mikroproċessuri, proċessuri grafiċi, mikrokontrolluri, ċipep loġiċi, ċipep tal-memorja, ċipep bi frekwenza tar-radju, ċipep fotoniċi, ċipep analogi, ċipep tal-kwantum, semikondutturi ottiċi, semikondutturi ta' potenza, semikondutturi diskreti u sensuri/mikrosistemi, kif ukoll il-qalba tal-proprjetà intellettwali tas-semikondutturi relatata***

Emenda 226

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– teknoloġiji fotoniċi (inkluż laser b'enerġija għolja)	***– software ta' awtomatizzazzjoni tad-disinn elettroniku għad-disinn ta' ċirkwiti integrati u semikondutturi oħra, jew għad-disinn ta' imballaġġ avvanzat***

Emenda 227

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ċipep ta' frekwenza għolja	***– il-fabbrikazzjoni front-end ta' ċirkwiti integrati u semikondutturi oħra***

Emenda 228

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– tagħmir għall-manifattura tas-semikondutturi f'daqsijiet ta' nodi avvanzati ħafna	***– assemblaġġ, ittestjar u imballaġġ ta' ċirkwiti integrati u semikondutturi oħra, inklużi bordijiet ta' ċirkwiti stampati u imballaġġ avvanzati***

Emenda 229

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– tagħmir għall-

	manifattura ta' semikondutturi, kemm għall-fabbrikazzjoni front-end kif ukoll back-end ta' ċirkwiti integrati u semikondutturi oħra, inklużi għodod għall-inċiżjoni, id-depożizzjoni, l-epitassi, il-litografija, l-imballaġġ avvanzat, l-ittestjar jew il-metroloġija

Emenda 230

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– komponenti ewlenin jew software ta' tagħmir tal-manifattura tas-semikondutturi

Emenda 231

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– materjali użati fil-fabbrikazzjoni ta' ċirkwiti integrati u semikondutturi oħra, b'mod partikolari prodotti kimiċi speċjali, gassijiet rari, materjali semikondutturi, sottostrati jew wafers

Emenda 232

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– tagħmir u faċilitajiet għall-ħżin u l-ipproċessar tad-data

Emenda 233

Proposta għal regolament
Anness II – parti 3 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. Teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali:	b. Teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali***, jiġifieri kwalunkwe teknoloġija jew għarfien prattiku relatat ma' sistema bbażata fuq magna li hija ddisinjata biex topera b'livelli varji ta' awtonomija u li tista' turi adattabbiltà wara li tiġi introdotta, u li, għal objettivi espliċiti jew impliċiti, tiddeduċi, mill-input li tirċievi, kif tiġġenera outputs bħal previżjonijiet, kontenut, rakkomandazzjonijiet, jew deċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw ambjenti fiżiċi jew virtwali ("sistema tal-IA"), użati għall-applikazzjonijiet li ġejjin***:

Emenda 234

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– computing ta' prestazzjoni għolja	***– sistemi tal-IA ġenerattivi mħarrġa bl-użu ta' aktar minn 10^25 FLOPS (operazzjonijiet b'punt varjabbli)***

Emenda 235

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt b – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ***cloud u edge computing***	**–** ***sistemi tal-IA ġenerattivi mħarrġa f'parti sinifikanti dwar data bijoloġika/ġenomika, jew iddisinjati biex jintużaw f'kuntest bijoteknoloġiku, spazjali jew ta' difiża***

Emenda 236

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ***teknoloġiji tal-analitika tad-data***	***imħassar***

Emenda 237

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ***viżjoni tal-kompjuter, ipproċessar tal-lingwa, rikonoxximent tal-oġġett***	***imħassar***

Emenda 238

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– Komunikazzjonijiet u konnettività diġitali siguri, bħar-RAN & Open RAN (Network ta'	– Komunikazzjonijiet u konnettività diġitali siguri, bħar-RAN & Open RAN (Network ta'

Aċċess bir-Radju) u 6G	Aċċess bir-Radju)***, 5G*** u 6G***, komunikazzjoni bil-laser u bid-dawl***

Emenda 239

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt e – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– Teknoloġiji taċ-ċibersigurtà inklużi s-sorveljanza ċibernetika, is-sistemi ta' sigurtà u ta' intrużjoni, il-forensika diġitali	– Teknoloġiji taċ-ċibersigurtà inklużi s-sorveljanza ċibernetika, ***il-kriptaġġ,*** is-sistemi ta' sigurtà ***u ta' prevenzjoni u detezzjoni*** ta' intrużjoni, il-forensika diġitali

Emenda 240

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt e – inċiż 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Kejbils fibrottiċi sottomarini

Emenda 241

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt g – inċiż 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Teknoloġiji operattivi għall-modi kollha tat-trasport, bħas-sistemi ta' sinjalar, is-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku u t-teknoloġiji relatati mas-sikurezza

Emenda 242

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt h – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
h. It-teknoloġiji tal-enerġija:	h. It-teknoloġiji tal-enerġija***, is-servizzi u l-infrastruttura***:

Emenda 243

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt h – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– Teknoloġiji ***ta' fużjoni*** nukleari, reatturi u ġenerazzjoni tal-enerġija, teknoloġiji ta' konverżjoni ***radjoloġika***/arrikkiment/riċiklaġ ġ	– Teknoloġiji nukleari, reatturi u ġenerazzjoni tal-enerġija, teknoloġiji ta' konverżjoni/arrikkiment/riċiklaġġ ***fil-qasam radjoloġiku, ħżin nukleari u rimi ta' skart nukleari***

Emenda 244

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt h – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– Teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inklużi ***l-fotovoltajċi***	– Teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inklużi ***l-infrastruttura fotovoltajka u solari termali, kif ukoll teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli fuq l-art u lil hinn mill-kosta***

Emenda 245

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt h – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Operaturi tal-grilja (TSOs u DSOs)

Emenda 246

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt h – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– Grilji u ħżin tal-enerġija intelliġenti, batteriji	– ***Grilji Ewropej u transfruntiera, inklużi*** grilji u ***soluzzjonijiet ta'*** ħżin tal-enerġija intelliġenti, batteriji***, teknoloġiji tal-batteriji għall-applikazzjonijiet tal-grilji u l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli***

Emenda 247

Proposta għal regolament
Anness II – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-entitajiet u l-attivitajiet kritiċi li ġejjin fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni: kontropartijiet ċentrali***[2]*** , sistemi ta' pagament u istituzzjonijiet ta' pagament***[3]*** , istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi***[4]*** , operaturi tas-suq u ditti ta' investiment li joperaw faċilità ta' kummerċ multilaterali jew faċilità ta' kummerċ organizzat***[5]*** , depożitarji ċentrali ta' titoli***[6]*** , emittenti sinifikanti ta' tokens referenzjati għall-assi jew tokens tal-flus elettroniċi u fornituri ta' servizz ta' ***kripto-assi*** li joperaw pjattaformi ta' kummerċ għal ***kripto-assi***[7] , istituzzjonijiet kbar***[8]*** , fornituri globali ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati u fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi kritiċi nominati tal-ICT***[9]*** ***.***	5. L-entitajiet u l-attivitajiet kritiċi li ġejjin fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni:
	(a) kontropartijiet ċentrali ***jew CCPs kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament***

(UE) Nru 648/2012[2]***;***

(b) sistemi ta' pagament u istituzzjonijiet ta' pagament ***kif definiti fl-Artikolu 4, il-punti (7) u (4) rispettivament, tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[3]***;***

(c) istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi ***kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[4]***;***

(d) operaturi tas-suq ***kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (18), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[5] u ditti ta' investiment li joperaw faċilità ta' kummerċ multilaterali jew faċilità ta' kummerċ organizzat***;***

(e) depożitorji ċentrali ta' titoli ***kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[6]***;***

(f) emittenti sinifikanti ta' tokens referenzjati għall-assi jew tokens tal-flus elettroniċi u fornituri ta' servizz ta' ***kriptoassi*** li joperaw pjattaformi ta' kummerċ għal ***kriptoassi kif definiti fl-Artikolu 3(1), il-punti (10), (6), (7), (15) u (18), rispettivament, tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[7]***;***

(g) istituzzjonijiet kbar ***kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (146), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[8]***;***

(h) fornituri globali ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji

	speċjalizzati u fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi kritiċi nominati tal-ICT ***kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (23), tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[9]***;***
	(i) sistemi ta' ħlas sistemikament importanti skont deċiżjoni tal-BĊE bbażata fuq l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew[9a]***;***
	(j) impriżi tal-assigurazzjoni u impriżi tar-riassigurazzjoni kif definiti fl-Artikolu 13, il-punti (1) u (4), tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9b] ***b'introjtu mill-primjum gross miktub li jaqbeż l-ammont ta' EUR 25 000 000 000 bħala medja fit-tliet snin kalendarji qabel is-sena li fiha l-investiment barrani jkun ġie nnotifikat.***
_____	_____
[2] ***L-Artikolu 2(1) tar-Regolament*** (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.	[2] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.
[3] ***L-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva*** (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010,	[3] ***Id-Direttiva*** (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337,

u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj .

[4] ***L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva*** 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p.7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj.

[5] ***L-Artikolu 4(1)(18) tad-Direttiva*** 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj.

[6] ***L-Artikolu 2(1)(1) tar-Regolament*** (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, (ĠU L 257, 28.8.2014, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj.

[7] ***L-Artikoli 3(1)(6), 3(1)(7) u 3(1)(10), 3(1)(15) u l-Artikolu 3(1)(18) tar-Regolament*** (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-

23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj .

[4] ***Id-Direttiva*** 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p.7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj.

[5] ***Id-Direttiva*** 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj.

[6] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, (ĠU L 257, 28.8.2014, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj.

[7] ***Ir-Regolament*** (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-

Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p.40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.

Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p.40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.

[8] ***L-Artikolu 4(1)(146) tar-Regolament*** (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.

[8] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.

[9] ***L-Artikolu 3(23) tar-Regolament*** (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj.

[9] ***Ir-Regolament*** (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj.

[9a] Ir-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) Nru 795/2014 tat-3 ta' Lulju 2014 dwar ir-rekwiżiti ta' sorveljanza għal sistemi ta' ħlas sistemikament importanti (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/795/oj).

[9b] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II)

(ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj).

Emenda 248

Proposta għal regolament
Anness II – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-industriji tat-trasport, it-teknoloġiji u l-komponenti tal-infrastruttura ta' importanza kritika:
	(a) L-industrija tal-manifattura ajruspazjali, inklużi l-produzzjoni, il-manutenzjoni u t-tħaddim tal-inġenji tal-ajru, kif ukoll il-magni, l-iskrejjen, il-parts, it-tagħmir mhux installat u t-tagħmir tagħhom[1a]
	(b) L-industrija tat-teknoloġija marittima, inklużi l-produzzjoni, il-manutenzjoni u l-konverżjoni tat-tipi kollha ta' vapuri[1b] u ta' tagħmir[1c]
	(c) L-industrija ferrovjarja, inklużi l-aspetti kollha tad-disinn, tal-manifattura, tal-manutenzjoni u tar-rinnovazzjoni tas-sistemi u tas-sottosistemi tat-trasport ferrovjarju u tat-tagħmir relatat[1d]
	(d) L-industrija awtomobilistika, inklużi l-fornituri tal-industrija awtomobilistika[1e], l-infrastruttura tar-riforniment, inkluża l-infrastruttura tal-irriċarġjar elettriku[1f] u s-sistemi ta' trasport intelliġenti (ITS)[1g]

_____

[1a] L-Artikolu 2.1 (a) (b) tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91.

[1b] L-Artikolu 12 (a, b, c) tal-Qafas ta' Għajnuna mill-Istat għall-Bini ta' Bastimenti O2011/C 364/06).

[1c] L-Artikolu 2 (1) tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE.

[1d] L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea.

[1e] L-industriji responsabbli għall-produzzjoni tal-kategoriji kollha ta' vetturi tat-triq awtopropulsivi (inklużi karozzi tal-passiġġieri, karozzi tal-linja, muturi, vannijiet,

	trakkijiet), flimkien mat-tagħmir u l-parts tagħhom, li jaqgħu fost l-oħrajn taħt il-Kapitoli 40, 84, 85, 87, 90 u 94 tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (HS 2017).
	[1f] L-Artikolu 2 (17) (21) (48) (49) (50) (51) (52) (53) (56) (59) tar-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE.
	[1g] L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport.

Emenda 249

Proposta għal regolament
Anness II – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Is-servizzi tal-media kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) li jikkontribwixxu biex jiffurmaw l-opinjoni pubblika u li huma

kkaratterizzati mill-attwalità partikolari tagħhom u mill-impatt wiesa' tagħhom.

Emenda 250

Proposta għal regolament
Anness II – punt 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5c. L-infrastruttura elettorali: is-sistemi, il-proċessi u l-faċilitajiet fiżiċi u diġitali meħtieġa għall-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-elezzjonijiet, inklużi s-sistemi tal-votazzjoni, il-bażijiet tad-data tar-reġistrazzjoni tal-votanti u sistemi teknoloġiċi oħra li jiżguraw l-integrità, l-aċċessibbiltà u s-sigurtà tal-proċessi elettorali.

Emenda 251

Proposta għal regolament
Anness II – punt 5d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5d. Materja prima kritika kif elenkata fl-Annessi I u II tar-Regolament (UE 2024/1252[1a]:
	– estrazzjoni u raffinar tal-materja prima kritika
	– teknoloġiji ta' riċiklaġġ u rkupru għall-materja prima kritika, b'mod partikolari minn batteriji u skart elettroniku
	– kumulazzjoni ta' riżerva strateġika u faċilitajiet tal-ħżin għall-materja prima

	kritika
	– infrastruttura tal-katina tal-provvista għat-trasport u d-distribuzzjoni siguri tal-materja prima kritika
	– riċerka u żvilupp dwar is-sostituzzjoni tal-materjali, l-innovazzjonijiet fl-ipproċessar, u metodi ta' riċiklaġġ avvanzati
	_____
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).

Emenda 252

Proposta għal regolament
Anness II – punt 5e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5e. Il-biedja, meta l-entità fil-mira tal-Unjoni tippossjedi jew topera aktar minn 10 000 ettaru ta' art agrikola.